ISSN 1725-5198

# Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea

C 289

Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 50

1 ta' Diċembru 2007

Avviż Nru | Werrej | Paġna

II *Komunikazzjonijiet*

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET U KORPI TA' L-UNJONI EWROPEA

**Kummissjoni**

2007/C 289/01 Awtorizzazzjoni ta' l-għajnuna Statali fil-qafas tad-Dispożizzjonijiet ta' l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE — Fir-rigward ta' dawn il-każijiet il-Kummissjoni ma tqajjimx oġġezzjonijiet (1) ..... 1

2007/C 289/02 Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Każ COMP/M.4753 — Antalis/MAP) (1) ..... 3

2007/C 289/03 Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Każ COMP/M.4936 — BENTELER/SGLT/JV) (1) 3

2007/C 289/04 Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Każ COMP/M.4899 — SCB/Süd-Chemie) (1) 4

2007/C 289/05 Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Każ COMP/M.4865 — Siemens/Dade Behring) (1) 4

IV *Informazzjoni*

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET U KORPI TA' L-UNJONI EWROPEA

**Kunsill**

2007/C 289/06 Deċiżjoni tal-Kunsill tas-26 ta' Novembru 2007 li taħtar membru Taljan u membru supplenti Latvjan u wieħed Lussemburgiż tal-Bord ta' Tmexxija ta' l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol ..... 5

MT

(1) Test b'rilevanza għaż-ŻEE

(*Ikompli fil-paġna ta' wara*)

**Kummissjoni**

2007/C 289/07 Rata tal-kambju ta' l-euro ..... 7

2007/C 289/08 Opinjoni tal-Kumitat Konsultattiv dwar il-konċentrazzjonijiet mogħtija fil-153 laqgħa tiegħu fit-2 ta' Awissu 2007 dwar abbozz ta' deċiżjoni marbuta mal-Każ COMP/M.4523 — Travelport/Worldspan ..... 8

2007/C 289/09 Rapport finali ta' l-Uffiċjal tas-Smigħ fil-Każ COMP/M.4523 — Travelport/Worldspan *(skond l-Artikoli 15 u 16 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (2001/462/KE, KEFA) tat-23 ta' Mejju 2001 dwar it-termini ta' referenza ta' l-Uffiċjali tas-Smigħ f'ċerti proċedimenti tal-kompetizzjoni — ĠU L 162, 19.6.2001, p. 21)* ..... 9

2007/C 289/10 Il-wiċċ nazzjonali l-ġdid tal-muniti ta' l-euro fiċ-ċirkolazzjoni ..... 10

INFORMAZZJONI MILL-ISTATI MEMBRI

2007/C 289/11 Informazzjoni fil-qosor ikkomunikata mill-Istati Membri dwar l-għajnuna mill-Istat mogħtija skond ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1857/2006 tal-15 ta' Diċembru 2006 dwar l-applikazzjoni ta' l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat għall-għajnuna mill-Istat għal impriżi żgħar u ta' daqs medju attivi fil-produzzjoni ta' prodotti agrikoli u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 70/2001 ..... 11

2007/C 289/12 Reviżjoni minn Franza fil-qadi ta' l-obbligazzjonijiet tas-servizz pubbliku għas-servizzi bl-ajru bejn Aurillac u Pariġi (Orly) ..... 18

---

V *Avviżi*

PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

**Kunsill**

2007/C 289/13 Sejħa Miftuħa — Kooperazzjoni Ewropea fil-qasam tar-Riċerka Xjentifika u Teknoloġika (COST) 19

**Kummissjoni**

2007/C 289/14 MEDIA 2007 — Sejħa għall-proposti — EACEA 27/07 — Appoġġ għad-distribuzzjoni transnazzjonali tal-Films Ewropej — l-Iskema "Awtomatika" ..... 21

PROĊEDURI GĦALL-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

**Kummissjoni**

2007/C 289/15 Għajnuna mill-Istat — Italja — Għajnuna mill-istat C 39/07 (ex N 188/07) — Għajnuna għar-ristrutturar lill-grupp tat-tessuti Legler — Stedina għas-sottomissjoni ta' kummenti skond l-Artikolu 88(2) tat-Trattat tal-KE ([1]) ..... 22


**MT**

([1]) Test b'rilevanza għaż-ŻEE

(Ikompli fuq il-qoxra ta' wara minn ġewwa)

ATTI OĦRAJN

**Kummissjoni**


2007/C 289/16 Pubblikazzjoni ta' applikazzjoni skond l-Artikolu 6(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 dwar il-protezzjoni ta' l-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet ta' l-oriġini tal-prodotti agrikoli u ta' l-oġġetti ta' l-ikel ..... 29

2007/C 289/17 Pubblikazzjoni ta' applikazzjoni skond l-Artikolu 6(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 dwar il-protezzjoni ta' l-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet ta' l-oriġini tal-prodotti agrikoli u l-oġġetti ta' l-ikel ..... 32


MT

II

*(Komunikazzjonijiet)*

# KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET U KORPI TA' L-UNJONI EWROPEA

# KUMMISSJONI

**Awtorizzazzjoni ta' l-għajnuna Statali fil-qafas tad-Dispożizzjonijiet ta' l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE**

**Fir-rigward ta' dawn il-każijiet il-Kummissjoni ma tqajjimx oġġezzjonijiet**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2007/C 289/01)

| | |
|---|---|
| Data ta' l-adozzjoni tad-deċiżjoni | 27.6.2007 |
| Ghajnuna Nru | N 838/06 |
| Stat Membru | Il-Portugall |
| Reġjun | Centro — Baixo Mondego (Figueira da Foz) |
| Titolu (u/jew isem tal-benefiċjarju) | Auxílio individual à Soporcel — Sociedade Portuguesa de Papel, S.A. |
| Il-bażi legali | Decreto-Lei n.º 409/99 de 15 de Outubro — regulamenta a concessão de Benefícios Fiscais<br>Decreto-Lei n.º 70-B/2000 de 5 de Maio |
| It-tip tal-miżura | Għajnuna individwali |
| L-għan | Żvilupp reġjonali |
| Il-forma ta' l-ghajnuna | Ghotja diretta, Vantaġġ fiskali |
| L-Estimi | Baġit globali: 48,97 miljun EUR |
| L-intensità | 24,5 % |
| It-tul ta' żmien | 1.2002-12.2012 |
| Setturi ekonomiċi | L-industrija tal-manifattura |
| Isem u indirizz ta' l-awtorità responsabbli mill-għajnuna | API — Agência Portuguesa para o Investimento, E.P.E. |
| Aktar informazzjoni | — |

It-test tad-deċiżjoni fil-lingwa jew lingwi awtentika/awtentiċi, li minnu tneħħew il-partijiet kunfidenzjali kollha, jinsab fuq is-sit:

http://ec.europa.eu/community_law/state_aids/

| | |
|---|---|
| Data ta' l-adozzjoni tad-deċiżjoni | 10.10.2007 |
| Għajnuna Nru | N 473/07 |
| Stat Membru | L-Italja |
| Reġjun | Provincia autonoma di Bolzano — Alto Adige |
| Titolu (u/jew isem tal-benefiċjarju) | Messa a disposizione di connessioni a banda larga in Alto Adige |
| Il-bażi legali | D.Lgs. 1° agosto 2003, n. 259, «Codice delle comunicazioni elettroniche». L.P. 33/1982 «Provvedimenti in materia di informatica nella Provincia di Bolzano». Deliberazione n. 646 della G.P. del 7 marzo 2005, «Programma operativo per lo sviluppo della Società per l'Informazione in Alto Adige e-Südtirol 2004–2008 con particolare riferimento agli obiettivi per la messa a disposizione di una offerta di banda larga a copertura dell'Alto Adige». |
| It-tip tal-miżura | Għajnuna individwali |
| L-għan | Żvilupp reġjonali |
| Il-forma ta' l-għajnuna | Għotja diretta |
| L-Estimi | Baġit globali: 6,9 miljun EUR |
| L-intensità | — |
| It-tul ta' żmien | 2008-2018 |
| Setturi ekonomiċi | Il-posta u t-telekomunikazzjonijiet |
| Isem u indirizz ta' l-awtorità responsabbli mill-għajnuna | RAS Radiotelevisione Azienda Speciale della Provincia di Bolzano<br>Viale Europa, 164 A<br>I-39100 Bolzano |
| Aktar informazzjoni | — |

It-test tad-deċiżjoni fil-lingwa jew lingwi awtentika/awtentiċi, li minnu tneħħew il-partijiet kunfidenzjali kollha, jinsab fuq is-sit:

http://ec.europa.eu/community_law/state_aids/

## Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata

## (Każ COMP/M.4753 — Antalis/MAP)

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2007/C 289/02)

Fl-24 ta' Ottubru 2007, il-Kummissjoni iddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq komuni. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(2), tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004. It-test kollu tad-deċiżjoni jinsab bl-Ingliż u se jkun ippubblikat wara li jkun meħlus minn kwalunkwe sigrieti tan-negozju li jista' jkun fih. Hu jinstab:

— mill-websajt tal-kompetizzjoni ta' l-Europa (http://ec.europa.eu/comm/competition/mergers/cases/). Dan il-websajt jipprovdi faċilitajiet varji biex jgħinu jinstabu deċiżjonijiet individwali ta' fużjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u indiċi settorali,

— f'forma elettronika fil-websajt EUR-Lex fid-dokument numru 32007M4753. EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-internet għal-liġi Ewropea (http://eur-lex.europa.eu).

## Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata

## (Każ COMP/M.4936 — BENTELER/SGLT/JV)

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2007/C 289/03)

Fit-22 ta' Novembru 2007, il-Kummissjoni iddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq komuni. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)(b), tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004. It-test kollu tad-deċiżjoni jinsab bl-Ingliż u se jkun ippubblikat wara li jkun meħlus minn kwalunkwe sigrieti tan-negozju li jista' jkun fih. Hu jinstab:

— mill-websajt tal-kompetizzjoni ta' l-Europa (http://ec.europa.eu/comm/competition/mergers/cases/). Dan il-websajt jipprovdi faċilitajiet varji biex jgħinu jinstabu deċiżjonijiet individwali ta' fużjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u indiċi settorali,

— f'forma elettronika fil-websajt EUR-Lex fid-dokument numru 32007M4936. EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-internet għal-liġi Ewropea (http://eur-lex.europa.eu).

## Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata

## (Każ COMP/M.4899 — SCB/Süd-Chemie)

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2007/C 289/04)

Fit-23 ta' Novembru 2007, il-Kummissjoni iddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq komuni. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)(b), tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004. It-test kollu tad-deċiżjoni jinsab bl-Ingliż u se jkun ippubblikat wara li jkun meħlus minn kwalunkwe sigrieti tan-negozju li jista' jkun fih. Hu jinstab:

— mill-websajt tal-kompetizzjoni ta' l-Europa (http://ec.europa.eu/comm/competition/mergers/cases/). Dan il-websajt jipprovdi faċilitajiet varji biex jgħinu jinstabu deċiżjonijiet individwali ta' fużjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u indiċi settorali,

— f'forma elettronika fil-websajt EUR-Lex fid-dokument numru 32007M4899. EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-internet għal-liġi Ewropea (http://eur-lex.europa.eu).

## Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata

## (Każ COMP/M.4865 — Siemens/Dade Behring)

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2007/C 289/05)

Fil-25 ta' Ottubru 2007, il-Kummissjoni iddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq komuni. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)(b), tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004. It-test kollu tad-deċiżjoni jinsab bl-Ingliż u se jkun ippubblikat wara li jkun meħlus minn kwalunkwe sigrieti tan-negozju li jista' jkun fih. Hu jinstab:

— mill-websajt tal-kompetizzjoni ta' l-Europa (http://ec.europa.eu/comm/competition/mergers/cases/). Dan il-websajt jipprovdi faċilitajiet varji biex jgħinu jinstabu deċiżjonijiet individwali ta' fużjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u indiċi settorali,

— f'forma elettronika fil-websajt EUR-Lex fid-dokument numru 32007M4865. EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-internet għal-liġi Ewropea (http://eur-lex.europa.eu).

IV

*(Informazzjoni)*

# INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET U KORPI TA' L-UNJONI EWROPEA

# KUNSILL

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**tas-26 ta' Novembru 2007**

**li taħtar membru Taljan u membru supplenti Latvjan u wieħed Lussemburgiż tal-Bord ta' Tmexxija ta' l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol**

(2007/C 289/06)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2062/94 tat-18 ta' Lulju 1994 li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol ([1]) u b'mod partikolari l-Artikolu 8 tiegħu,

wara li kkunsidra l-lista tal-kandidaturi ppreżentata lill-Kunsill mill-President tal-Kumitat Konsultattiv għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol, fir-rigward tal-proposti tal-gruppi ta' membri li jirrappreżentaw l-organizzazzjoni ta' min iħaddem u l-organizazzjonijiet tal-ħaddiema fi ħdan dan il-Kumitat,

Billi:

(1) Permezz tad-deċiżjoni tiegħu tat-8 ta' Novembru 2007 ([2]) l-Kunsill ħatar il-membri u l-membri supplenti tal-Bord ta' Tmexxija ta' l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol għall-perijodu bejn it-8 ta' Novembru 2007 u s-7 ta' Novembru 2010, minbara l-membri Taljani, Lussemburgiżi u Latvjani.

(2) Għandhom jiġu maħtura l-membru Taljan u l-membru supplenti Latvjan u dak Lussemburgiż li jirrappreżentaw l-organizzazzjonijiet ta' min iħaddem għall-postijiet li għandhom jimtlew,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Huma maħtura bħala membru u membri supplenti tal-Bord ta' Tmexxija ta' l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol għall-perijodu li jiskadi fis-7 ta' Novembru 2010:

**RAPPREŻENTANTI TA' L-ORGANIZZAZZJONIJIET TA' MIN IĦADDEM**

| Pajjiż | Membri | Membri supplenti |
|---|---|---|
| Italja | Is-Sur Luigi CASANO | — |
| Latvja | — | Is-Sur Aleksandrs GRIGORJEVS |
| Lussemburgu | — | Is-Sur Robert KANZ |

([1]) ĠU L 216, 20.8.1994, p. 1. Regolament emendat mir-Regolament (KE) Nru 1112/2005(ĠU L 184, 24.6.2005, p. 5).
([2]) Għadha ma ġietx ippubblikata fil-ĠU.

*Artikolu 2*

Din id-deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata, bħala informazzjoni, fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, 26 ta' Novembru 2007.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

J. SILVA

# KUMMISSJONI

## Rata tal-kambju ta' l-euro [1]

## It-30 ta' Novembru 2007

(2007/C 289/07)

**1 euro** =

| | Munita | Rata tal-kambju | | Munita | Rata tal-kambju |
|---|---|---|---|---|---|
| USD | Dollaru Amerikan | 1,4761 | RON | Leu Rumen | 3,4861 |
| JPY | Yen Ġappuniż | 163,43 | SKK | Krona Slovakka | 33,161 |
| DKK | Krona Daniża | 7,4575 | TRY | Lira Turka | 1,734 |
| GBP | Lira Sterlina | 0,71455 | AUD | Dollaru Awstraljan | 1,6643 |
| SEK | Krona Żvediża | 9,3715 | CAD | Dollaru Kanadiż | 1,4695 |
| CHF | Frank Żvizzeru | 1,6541 | HKD | Dollaru ta' Hong Kong | 11,4954 |
| ISK | Krona Iżlandiża | 90,02 | NZD | Dollaru tan-New Zealand | 1,9105 |
| NOK | Krona Norveġiża | 8,114 | SGD | Dollaru tas-Singapor | 2,1336 |
| BGN | Lev Bulgaru | 1,9558 | KRW | Won tal-Korea t'Isfel | 1 359,71 |
| CYP | Lira Ċiprijotta | 0,5842 | ZAR | Rand ta' l-Afrika t'Isfel | 9,956 |
| CZK | Krona Ċeka | 26,261 | CNY | Yuan ren-min-bi Ċiniż | 10,9231 |
| EEK | Krona Estona | 15,6466 | HRK | Kuna Kroata | 7,324 |
| HUF | Forint Ungeriż | 253 | IDR | Rupiah Indoneżjan | 13 831,06 |
| LTL | Litas Litwan | 3,4528 | MYR | Ringgit Malażjan | 4,9663 |
| LVL | Lats Latvjan | 0,7005 | PHP | Peso Filippin | 63,133 |
| MTL | Lira Maltija | 0,4293 | RUB | Rouble Russu | 36,006 |
| PLN | Zloty Pollakk | 3,6133 | THB | Baht Tajlandiż | 45,365 |

[1] *Sors:* rata tal-kambju ta' referenza ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew.

**Opinjoni tal-Kumitat Konsultattiv dwar il-konċentrazzjonijiet mogħtija fil-153 laqgħa tiegħu fit-2 ta' Awissu 2007 dwar abbozz ta' deċiżjoni marbuta mal-Każ COMP/M.4523 — Travelport/Worldspan**

(2007/C 289/08)

1. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-Kummissjoni li l-operazzjoni notifikata tikkostitwixxi konċentrazzjoni ma' dimensjoni Komunitarja fi ħdan it-tifsira ta' l-Artikoli 1, 4(5) u l-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar il-konċentrazzjonijiet tal-KE.
2. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mad-definizzjonijiet tal-Kummissjoni dwar is-swieq tal-prodotti rilevanti kif stipulati fl-abbozz tad-deċiżjoni.
3. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mad-definizzjonijiet tal-Kummissjoni dwar is-swieq ġeografiċi rilevanti kif stipulati fl-abbozz tad-deċiżjoni.
4. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel ma' l-evalwazzjoni tal-Kummissjoni li t-tranżazzjoni ma twassal għal ebda tħassib ta' kompetizzjoni minħabba l-effeti mhux koordinati, jew effetti koordinati fis-servizzi tal-GDS.
5. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-Kummissjoni li l-konċentrazzjoni notifikata ma tqajjimx dubji serji dwar il-kompatibbiltà tagħha mas-suq komuni skond l-Artikolu 10 (2) tar-Regolament dwar il-konċentrazzjonijiet.
6. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-Kummissjoni li l-konċentrazzjoni notifikata għandha tiġi ddikjarata kompatibbli mas-Suq Komuni u mal-ħidma tal-Ftehim taż-ŻEE skond l-Artikoli 2(2) u 8(1) tar-Regolament dwar il-konċentrazzjonijiet u l-Artikolu 57 tal-Ftehim taż-ŻEE.
7. Il-Kumitat Konsultattiv jirrakkomanda l-pubblikazzjoni ta' l-opinjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

**Rapport finali ta' l-Uffiċjal tas-Smigħ fil-Każ COMP/M.4523 — Travelport/Worldspan**

*(skond l-Artikoli 15 u 16 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (2001/462/KE, KEFA) tat-23 ta' Mejju 2001 dwar it-termini ta' referenza ta' l-Uffiċjali tas-Smigħ f'ċerti proċedimenti tal-kompetizzjoni — ĠU L 162, 19.6.2001, p. 21)*

(2007/C 289/09)

Fil-15 ta' Jannar 2007, il-Kummissjoni rċeviet talba minn Travelport LLC għal riferiment skond l-Artikolu 4 (5) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 (Regolament dwar il-Konċentrazzjonijiet). L-ebda Stat Membru kompetenti biex jeżamina l-konċentrazzjoni taħt il-liġi nazzjonali tiegħu tal-kompetizzjoni (l-Awstrija, il-Ġermanja, l-Italja u l-Polonja) ma oġġezzjona għar-riferiment. Għaldaqstant, il-konċentrazzjoni tqieset li għandha dimensjoni Komunitarja skond l-Artikolu 4(5) tar-Regolament dwar il-Konċentrazzjonijiet u b'hekk għandha tkun innotifikata lill-Kummissjoni.

Sussegwentement, fit-23 ta' Marzu 2007, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta li permezz tagħha Travelport LLC takkwista, fl-ambitu tat-tifsira ta' l-Artikolu 3.1 (b) tar-Regolament dwar il-Konċentrazzjonijiet, il-kontroll uniku ta' l-impriża Worldspan Technologies Inc. permezz tax-xiri ta' ishma.

Wara eżami preliminari tan-notifika, il-Kummissjoni sabet li l-operazzjoni tqajjem dubji serji rigward il-kompatibbiltà mas-suq komuni u l-funzjonament tal-Ftehim ŻEE. Għaldaqstant, fit-3 ta' Mejju 2007, il-Kummissjoni ddeċidiet li tibda l-proċedura skond l-Artikolu 6(ċ) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet.

Travelport LLC, fuq talba, ingħatat l-opportunità li tirrevedi, fil-15 ta' Mejju 2007, dokument ewlieni fil-fajl skond "L-aħjar Prattiċi tal-prosegwiment tal-proċedimenti dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet tal-KE" tad-DĠ għall-Kompetizzjoni.

Wara investigazzjoni fil-fond tas-suq il-Kummissjoni kkonkludiet li t-tranżazzjoni proposta mhix se timpedixxi b'mod sinifikanti l-kompetizzjoni effettiva fis-suq komuni jew f'parti sostanzjali minnu u għalhekk hija kumpatibbli mas-suq komuni u l-Ftehim taż-ŻEE. B'hekk, ma ntbagħtet l-ebda Dikjarazzjoni ta' Oġġezzjonijiet lill-partijiet.

Ma saru l-ebda mistoqsijiet jew sottomissjonijiet mill-partijiet jew minn xi parti terza oħra. Il-każ ma jirrikjedix kummenti partikolari rigward id-dritt tas-smigħ.

Brussell, 8 ta' Awwissu 2007

Karen WILLIAMS

**Il-wiċċ nazzjonali l-ġdid tal-muniti ta' l-euro fiċ-ċirkolazzjoni**

(2007/C 289/10)




*Il-wiċċ nazzjonali tal-munita ġdida kommemorattiva ta' 2 euro għaċ-ċirkolazzjoni maħruġa mill-Finlandja*

Il-muniti ta' l-euro għaċ-ċirkolazzjoni jiswew ta' valuta legali fiż-żona kollha ta' l-euro. Il-Kummissjoni tippubblika d-disinni ([1]) l-ġodda kollha tal-muniti ta' l-euro bil-għan li tinforma lil kull min jgħaddu l-muniti minn taħt idejh fix-xogħol li jagħmel kif ukoll lill-pubbliku in ġenerali. Skond il-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-8 ta' Diċembru 2003 ([2]), l-Istati Membri u l-pajjiżi taż-żona ta' l-euro li kkonkludew Ftehim Monetarju mal-Komunità li jipprovdi għall-ħruġ ta' muniti euro għaċ-ċirkolazzjoni jistgħu joħorġu kwantitajiet determinati ta' muniti euro kommemorattivi għaċ-ċirkolazzjoni, bil-kundizzjoni li ma jinħariġx aktar minn disinn ġdid wieħed ta' munita għal kull pajjiż kull sena u li tintuża biss id-denominazzjoni taż-2 euro. Dawn il-muniti għandhom il-karatteristiċi tekniċi tal-muniti ta' l-euro normali għaċ-ċirkolazzjoni, imma għandhom disinn kommemorattiv fuq in-naħa tal-wiċċ nazzjonali.

**L-Istat li qed joħroġ il-munita:** Il-Finlandja.

**Suġġett tal-kommemorazzjoni:** Id-90 anniversarju mid-dikjarazzjoni ta' l-indipendenza.

**Deskrizzjoni fattwali tad-disinn:** In-naħa nazzjonali tal-munita turi disa' minn nies jaqdfu dgħajsa b'imqadef twal. Il-marka tas-sena 2007 u tas-sena 1917 jidhru fuq u taħt id-disinn rispettivament. Il-marka tazzekka tidher fuq ix-xellug u l-indikazzjonjoni tal-pajjiż "FI" fuq il-lemin. Fuq iċ-ċirku ta' barra tal-munita jidhru t-tnax-il stilla tal-bandiera Ewropea.

**Il-volum tal-ħruġ:** 2 miljun munita.

**Data approssimattiva tal-ħruġ:** Diċembru 2007.

**Ittri inċiżi fuq ix-xifer:** "SUOMI FINLAND ★★★" fejn ★ tfisser ras ta' ljun.

---

([1]) Ara ĠU C 373, 28.12.2001, p. 1 għal referenza għall-uċuħ nazzjonali kollha li nħarġu fl-2002.

([2]) Ara l-konklużjonijiet tal-Kunsill ta' l-Affarijiet Ġenerali tat-8 ta' Diċembru 2003 dwar il-bidliet tad-disinn ta' l-uċuħ nazzjonali tal-muniti euro. Ara wkoll ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tad-29 ta' Settembru 2003 dwar il-prattika komuni għat-tibdil fid-disinn ta' l-uċuħ nazzjonali tal-muniti euro fiċ-ċirkolazzjoni (ĠU L 264, 15.10.2003, p. 38).

# INFORMAZZJONI MILL-ISTATI MEMBRI

## Informazzjoni fil-qosor ikkomunikata mill-Istati Membri dwar l-għajnuna mill-Istat mogħtija skond ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1857/2006 tal-15 ta' Diċembru 2006 dwar l-applikazzjoni ta' l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat għall-għajnuna mill-Istat għal impriżi żgħar u ta' daqs medju attivi fil-produzzjoni ta' prodotti agrikoli u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 70/2001

(2007/C 289/11)

**Numru XA:** XA 171/07

**Stat Membru:** Ir-Repubblika tas-Slovenja

**Reġjun:** Il-muniċipalità tal-belt ta' Kranj

**Titolu ta' l-iskema ta' l-għajnuna u/jew l-isem tal-benefiċjarju:** Appoġġ għall-programmi għall-iżvilupp rurali fil-muniċipalità ta' Kranj tul il-perjodu ta' programmar 2007-13.

**Il-bażi ġuridika:** Pravilnik o dodelitvi pomoči za ohranjanje in razvoj kmetijstva, gozdarstva in podeželja v mestni občini Kranj (Poglavje II)

**Nefqa annwali ppjanata skond l-iskema jew ammont globali ta' l-għajnuna individwali mogħtija lill-kumpanija:**

2007: 67 000 EUR

2008: 68 800 EUR

2009: 70 600 EUR

2010: 72 300 EUR

2011: 74 100 EUR

2012: 76 000 EUR

2013: 77 000 EUR

**Intensità massima ta' l-għajnuna:**

1. *Investiment fil-farms għall-produzzjoni primarja:*

   — sa 50 % ta' l-ispejjeż eliġibbli f'żoni anqas vantaġġati;

   — sa 40 % ta' l-ispejjeż eliġibbli għall-investiment f'żoni oħra fil-biedja;

   L-għan ta' l-għajnuna huwa għal investiment biex jiġu restawrati l-karatteristiċi tal-farms, biex jinxtara tagħmir użat biex jittejjeb il-bini għall-bhejjem użat fil-produzzjoni agrikola, għall-investiment f'għelejjel permanenti, titjib ta' l-art agrikola u tal-mergħat u fil-ġestjoni ta' l-aċċess għall-farms.

2. *Konservazzjoni tal-bini tradizzjonali:*

   — sa 100 % ta' l-ispejjeż eliġibbli għall-investiment f'elementi mhux produttivi;

   — sa 75 % ta' l-ispejjeż eliġibbli fir-rigward ta' l-investimenti f'elementi mhux produttivi f'żoni anqas vantaġġati, u 60 % f'żoni oħra, sakemm l-investiment ma jsarrafx fi kwalunkwe żieda fil-kapaċità tal-produzzjoni tal-farm.

3. *Għajnuna favur il-ħlasijiet ta' primjums ta' l-assigurazzjoni:*

   l-ammont ta' appoġġ muniċipali huwa d-differenza bejn l-ammont ta' kofinanzjament tal-primjums ta' l-assigurazzjoni mill-baġit nazzjonali u sa 50 % ta' l-ispejjeż eliġibbli għall-primjums ta' l-assigurazzjoni biex jiġu assigurati l-għelejjel u frott u biex jiġu assigurati l-bhejjem kontra l-mewt minħabba mard.

4. *Għajnuna għat-tqassim mill-ġdid ta' l-art:*

   — sa 50 % ta' l-ispejjeż legali u amministrattivi.

5. *Forniment ta' appoġġ tekniku fis-settur agrikolu:*

   — sa 100 % ta' l-ispejjeż dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ tal-bdiewa, servizzi ta' konsulenza u l-organizzazzjoni ta' u parteċipazzjoni f'fora għat-trasferiment ta' l-għarfien, kompetizzjonijiet, eżibizzjonijiet u fieri, it-tixrid ta' l-għarfien xjentifiku, pubblikazzjonijiet (bħal katalgi u web-sajts) u servizzi ta' sostituzzjoni tal-bdiewa biex jiġu koperti l-assenzi minħabba mard jew btajjel. L-għajnuna tingħata fil-forma ta' servizzi sussidjati u ma tinvolvix ħlasijiet diretti ta' flus lill-produtturi.

**Data ta' l-implimentazzjoni:** Lulju 2007 (wara r-Regoli jidħlu fis-seħħ).

**Tul ta' l-iskema jew għoti ta' l-għajnuna individwali:** Tmiem fil-31 ta' Diċembru 2013.

**L-għan(ijiet) ta' l-għajnuna:** Appoġġ lill-SMEs.

**Referenza għall-Artikoli fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1857/2006 u l-ispejjeż eliġibbli:** Il-Kapitolu II ta' l-abbozz tar-Regoli dwar l-għoti ta' l-għajununa għall-konservazzjoni u għall-forestrija agrikola u l-iżvilupp rurali fil-muniċipalità ta' Kranj jinkludi miżuri li jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat skond l-Artikoli li ġejjin mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1857/2006 tal-15 ta' Diċembru 2006 dwar l-applikazzjoni ta' l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat għall-għajnuna mill-Istat għal impriżi żgħar u ta' daqs medju attivi fil-produzzjoni ta' prodotti agrikoli u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 70/2001 (ĠU L 358, 16.12.2006, p. 3):

— l-Artikolu 4: Investiment f'azjendi agrikoli,

— l-Artikolu 5: Konservazzjoni tal-pajżaġġi u l-bini tradizzjonali,

— l-Artikolu 12: Għajnuna favur il-ħlasijiet ta' primjums ta' l-assigurazzjoni,

— l-Artikolu 13: Għajnuna għat-tqassim mill-ġdid ta' l-art,

— l-Artikolu 15: Forniment ta' appoġġ tekniku fis-settur agrikolu.

**Is-settur(i) ekonomiku/ċi kkonċernat(i):** l-agrikoltura — Prodotti mill-pjanti u annimali.

**Isem u indirizz ta' l-awtorità li tagħti l-għajnuna:**

Mestna občina Kranj
Slovenski trg 1
SLO-4000 Kranj

**Indirizz web:** (indika l-indirizz ta' l-internet fejn jista' jinstab it-test sħiħ ta' l-iskema jew il-kriterji u l-kundizzjonijiet li bihom qed tingħata l-għajnuna individwali barra skema ta' għajnuna):

http://www.uradni-list.si/1/ulonline.jsp?urlid=200763&dhid=90619

**Tagħrif ieħor:** Il-miżura għall-ħlas ta' primjums ta' l-assigurazzjoni biex jiġu assigurati l-għelejjel u l-frott tinkludi l-kundizzonijiet avversi tat-temp li ġejjin li jistgħu jiġu assimilati mad-diżastri naturali: ġlata fir-Rebbiegħa, silġ, sajjetti, nirien ikkawżati mis-sajjetti, maltempati u għargħar.

Ir-Regoli tal-muniċipalità jissodisfaw ir-rekwiżiti tar-Regolament (KE) Nru 1857/2006 fir-rigward tal-miżuri adottati mill-muniċipalitajiet, u d-dispożizzjonijiet ġenerali applikabbli (proċeduri qabel tingħata l-għajnuna, l-akkumulu, it-trasparenza u s-sorveljanza ta' l-għajnuna).

Firma tal-persuna inkarigata:

DAMIJAN PERNE
*Is-sindku*

---

**Numru XA:** XA 172/07

**Stat Membru:** Ir-Repubblika tas-Slovenja

**Reġjun:** Il-muniċipalità ta' Laško

**Titolu ta' l-iskema ta' l-għajnuna u/jew l-isem tal-benefiċjarju:** Podpore programom razvoja kmetijstva podeželja v občini Laško 2007-2013

**Il-bażi ġuridika:** Pravilnik o dodeljevanju pomoči za ohranjanje in razvoj kmetijstva in podeželja v občini Laško za programsko obdobje 2007-2013 (Poglavje II)

**Nefqa annwali ppjanata skond l-iskema jew ammont globali ta' l-għajnuna individwali mogħtija lill-kumpanija:**

2007: sa 47 800 EUR

2008: sa 50 000 EUR

2009: sa 53 000 EUR

2010: sa 55 000 EUR

2011: sa 57 000 EUR

2012: sa 58 500 EUR

2013: sa 60 000 EUR

**Intensità massima ta' l-għajnuna:**

1. *Investiment f'azjendi agrikoli:*

   — sa 50 % ta' l-ispejjeż eliġibbli f'żoni anqas vantaġġati,

   — sa 40 % ta' l-ispejjeż eliġibbli f'żoni oħra,

   — sa 60 % ta' l-ispejjeż eliġibbli għall-investiment fiż-żoni anqas vantaġġati u sa 50 % ta' l-ispejjeż eliġibbli għall-investiment f'żoni oħra fejn l-investiment isir minn bdiewa żgħażagħ fi żmien ħames snin mill-istabbilment.

   L-għan ta' l-għajnuna huwa li jsir investiment għar-restawr tal-karatteristiċi tal-farms, biex jinxtara tagħmir biex jintuża għall-produzzjoni agrikola, għall-investiment f'għelejjel permanenti u għat-titjib ta' l-art agrikola u tal-mergħat.

2. *Konservazzjoni tal-pajżaġġi u l-bini tradizzjonali:*

   — sa 100 % ta' l-ispejjeż reali għall-investiment f'elementi mhux produttivi,

   — sa 60 % ta' l-ispejjeż reali, jew 75 % f'żoni anqas favoriti fir-rigward ta' l-investiment f'assi produttivi dwar il-farms, sakemm l-investiment ma jsarrafx fi kwalunkwe żieda fil-kapaċità tal-produzzjoni tal-farm,

   — għajnuna addizzjonali tista' tingħata sa rata ta' 100 % biex tkopri spejjeż żejda minħabba użu ta' materjali tradizzjonali meħtieġa biex jinżammu l-karatteristiċi patrimonjali tal-bini.

3. *Rilokazzjoni ta' bini agrikolu fl-interess pubbliku:*

   — sa 100 % ta' l-ispejjeż reali, fejn ir-rilokazzjoni sempliċiment tikkonsisti fil-ħatt, it-tneħħija u l-bini mill-ġdid tal-bini eżistenti,

— meta r-rilokazzjoni twassal għal faċilitajiet aktar moderni li minnhom igawdi l-bidwi, huwa għandu jikkontribwixxi għallinqas 60 %, jew 50 % f'żoni inqas vantaġġati, taż-żieda fil-valur tal-faċilitajiet ikkonċernati wara r-rilokazzjoni. Jekk il-benefiċjarju jkun bidwi żagħżugħ, il-kontribuzzjoni tiegħu għandha tkun għallinqas 55 % jew 45 % rispettivament,

— meta, b'riżultat tar-rilokazzjoni, tiżdied il-kapaċità tal-produzzjoni, il-bidwi jrid jikkontribwixxi mill-inqas 60 %, jew 50 % f'żoni inqas vantaġġati, għal spejjeż marbuta maż-żieda fil-potenzjal. Jekk il-benefiċjarju jkun bidwi żagħżugħ, il-kontribuzzjoni tiegħu għandha tkun għallinqas 55 % jew 45 % rispettivament.

4. *Għajnuna favur il-ħlasijiet ta' primjums ta' l-assigurazzjoni:*

— appoġġ muniċipali sa 10 % ta' l-ispejjeż eliġibbli tal-primjum ta' l-assigurazzjoni biex jiġu assigurati l-għelejjel u l-frott,

— l-ammont ta' appoġġ muniċipali huwa d-differenza bejn l-ammont ta' kofinanzjament tal-primjums ta' l-assigurazzjoni mill-baġit nazzjonali u sa 50 % ta' l-ispejjeż eliġibbli għall-primjums ta' l-assigurazzjoni biex jiġu assigurati l-bhejjem kontra l-mewt minħabba mard.

5. *Għajnuna għat-tqassim mill-ġdid ta' l-art:*

— sa 100 % ta' l-ispejjeż eliġibbli legali u amministrattivi.

6. *Għajnuna għat-trawwim tal-produzzjoni ta' prodotti agrikoli ta' kwalità:*

— sa 100 % ta' l-ispejjeż eliġibbli ta' attivitajiet ta' riċerka dwar is-swieq, il-konċepiment u d-disinn tal-prodotti, inkluża għajnuna mogħtija għat-tħejjija ta' applikazzjonijiet għar-rikonoxximent ta' denominazzjonijiet ta' l-oriġini ġeografika jew ċertifikati ta' karattru speċifiku skond ir-Regolamenti Komunitarji rilevanti. L-għajnuna għandha tingħata fil-forma ta' servizzi sussidjati u m'għandhiex tinvolvi ħlasijiet diretti ta' flus lill-produtturi.

7. *Proviżjoni ta' l-appoġġ tekniku:*

— sa 100 % ta' l-ispejjeż għall-edukazzjoni u taħriġ tal-bdiewa, għas-servizzi ta' konsulenza u ta' bdil u għall-organizzazzjoni ta' fora, kompetizzjonijiet, eżibizzjonijiet u fieri, pubblikazzjonijiet, katalgi u websajts. L-għajnuna għandha tingħata fil-forma ta' servizzi sussidjati u m'għandhiex tinvolvi ħlasijiet diretti ta' flus lill-produtturi.

**Data ta' l-implimentazzjoni:** Ġunju 2007 (jew id-data li fiha r-Regoli jidħlu fis-seħħ).

**Tul ta' l-iskema jew għoti ta' l-għajnuna individwali:** Tmiem fil-31 ta' Diċembru 2013.

**L-għan ta' l-għajnuna:** Appoġġ lill-SMEs.

**Referenza għall-Artikoli fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1857/2006 u l-ispejjeż eliġibbli:** Il-Kapitolu II ta' l-abbozz tar-Regoli dwar l-għoti ta' l-għajununa għall-konservazzjoni u għall-iżvilupp agrikolu u rurali fil-muniċipalità ta' Laško jinkludi miżuri li jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat skond l-Artikoli li ġejjin mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1857/2006 tal-15 ta' Diċembru 2006 dwar l-applikazzjoni ta' l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat għall-għajnuna mill-Istat għal impriżi żgħar u ta' daqs medju attivi fil-produzzjoni ta' prodotti agrikoli u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 70/2001 (ĠU L 358, 16.12.2006, p.3):

— l-Artikolu 4: Investiment f'azjendi agrikoli;

— l-Artikolu 5: Konservazzjoni tal-pajżaġġi u l-bini tradizzjonali;

— l-Artikolu 6: Rilokazzjoni ta' bini agrikolu fl-interess pubbliku;

— l-Artikolu 12: Għajnuna favur il-ħlasijiet ta' primjums ta' l-assigurazzjoni;

— l-Artikolu 13: Għajnuna għat-tqassim mill-ġdid ta' l-art;

— l-Artikolu 14: Għajnuna għat-trawwim tal-produzzjoni ta' prodotti agrikoli ta' kwalità;

— l-Artikolu 15: Forniment ta' appoġġ tekniku fis-settur agrikolu.

**Is-settur(i) ekonomiku/ċi kkonċernat(i):** L-agrikoltura: produzzjoni ta'pjanti u annimali.

**Isem u indirizz ta' l-awtorità li tagħti l-għajnuna:**

Občina Laško
Mestna ulica 2
SLO-3270 Laško

**Indirizz web:** (indika l-indirizz ta' l-internet fejn jista' jinstab it-test sħiħ ta' l-iskema jew il-kriterji u l-kundizzjonijiet li bihom qed tingħata l-għajnuna individwali barra l-iskema ta' għajnuna)

http://www.uradni-list.si/1/ulonline.jsp?urlid=200762&dhid=90569

**Tagħrif ieħor:** Il-miżura hija dwar ħlas ta' primjums ta' l-assigurazzjoni biex jiġu assigurati l-għelejjel u l-frott tinkludi l-kundizzonijiet avversi tat-temp li ġejjin li jistgħu jiġu assimilati mad-diżastri naturali: ġlata fir-Rebbiegħa, silġ, sajjetti, nirien ikkawżati mis-sajjetti, maltempati u għargħar.

Ir-Regoli tal-muniċipalità jissodisfaw ir-rekwiżiti tar-Regolament (KE) Nru 1857/2006 fir-rigward tal-miżuri adottati mill-muniċipalitajiet, u d-dispożizzjonijiet ġenerali applikabbli (proċeduri qabel tingħata l-għajnuna, l-akkumulu, it-trasparenza u s-sorveljanza ta' l-għajnuna).

Firma tal-persuna inkarigata

Sandra BARACHINI
*Id-Direttur tal-Kunsill Muniċipali*

**Numru XA:** XA 173/07

**Stat Membru:** Ir-Repubbblika tas-Slovenja

**Reġjun:** Iż-żoni speċjalment ikkontrollati ta' Idrija u Logatec, skond il-Programm biex jiddaħħlu miżuri għall-prevenzjoni tal-firxa u l-eliminazzjoni tal-ħanfusa komuni.

**Titolu ta' l-iskema ta' l-għajnuna u/jew l-isem tal-benefiċjarju:** Ħarsien tas-saħħa tal-pjanti — ħanfusa.

**Il-bażi ġuridika:** Predlog Uredbe o izvedbi ukrepov za preprečevanje širjenja in zatiranje množičnega izbruha majskega hrošča navezava: Zakon o zdravstvenem varstvu rastlin (Uradni list RS, št. 23/05 – uradno prečiščeno besedilo, 61/06-ZDru-1 in 40/07)

**Nefqa annwali ppjanata skond l-iskema jew ammont globali ta' l-għajnuna individwali mogħtija lill-kumpanija:**

| Sena | Total PP 4275 |
|---|---|
| 2007 | 130 000 EUR |
| 2008 | 270 000 EUR |
| 2009 | 140 000 EUR |
| Total | 540 000 EUR |

**Intensità massima ta' l-għajnuna:** Intensità grossa ta' l-għajnuna mill-Istat hija sa 100 % ta' l-ispejjeż tas-servizzi sussidjati, jiġifieri, l-ispejjeż tal-kontroll u l-monitoraġġ tal-popolazzjoni tal-ħanfusa.

L-ispejjeż tal-miżuri tal-kontroll jinkludu, skond il-programm li jintroduċi miżuri għall-prevenzjoni tat-tixrid tal-ħanfusa u l-qerda tagħha:

— ix-xiri ta' preparazzjoni bijoloġika;

— spezzjonijiet sanitarji;

— ittestjar u miżuri oħra ta' kontroll tal-ħanfusa.

**Data ta' l-implimentazzjoni:** l-1 ta' Awwissu 2007

**Tul ta' l-iskema jew għoti ta' l-għajnuna individwali:** Id-data (sena u xahar) sa meta l-għajnuna tista' tingħata taħt l-iskema: l-1 ta' Awwissu 2007 — it-30 ta' Ġunju 2009.

**L-għan(ijiet) ta' l-għajnuna:**

— appoġġ lill-SMEs;

— prevenzjoni għat-tifrix tal-pesti u l-qerda tagħhom, jiġifieri tal-ħanfusa komuni.

Din l-iskema ta' l-għajnuna hija kompatibbli ma' l-Artikolu 10 (1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1857/2006 tal-15 ta' Diċembru 2006 dwar l-applikazzjoni ta' l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat għall-għajnuna mill-Istat għal impriżi żgħar u ta' daqs medju attivi fil-produzzjoni ta' prodotti agrikoli u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 70/2001 (ĠU L 358, 16.12.2006,p. 3).

**Is-settur(i) ekonomiku/ċi kkonċernat(i):** L-agrikoltura — il-produzzjoni agrikola.

**Isem u indirizz ta' l-awtorità li tagħti l-għajnuna:**

Ministrstvo za kmetijstvo gozdarstvo in prehrano
Fitosanitarna uprava RS
Einspielerjeva 6
SLO-1000 Ljubljana

**Indirizz web:** (indika l-indirizz ta' l-internet fejn jista' jinstab it-test sħiħ ta' l-iskema jew il-kriterji u l-kundizzjonijiet li bihom qed tingħata l-għajnuna individwali barra l-iskema ta' għajnuna)

http://www.furs.si/law/slo/zvr/Index_predpisi.asp

Data: il-11 ta' Lulju 2007.

Firma tal-persuna inkarigata

Katarina GROZNIK
*Id-Direttur*

---

**Numru XA:** XA 188/07

**Stat Membru:** Ir-Repubbblika tas-Slovenja

**Reġjun:** Il-muniċipalità ta' Žalec

**Titolu ta' l-iskema ta' l-għajnuna u/jew l-isem tal-benefiċjarju:** Pomoči za ohranjanje in razvoj kmetijstva in podeželja v občini Žalec za programsko obdobje 2007-2013

**Il-bażi ġuridika:** Pravilnik o dodeljevanju pomoči za ohranjanje in razvoj kmetijstva ter podeželja v občini Žalec za programsko obdobje 2007-2013

**Nefqa annwali ppjanata skond l-iskema jew ammont globali ta' l-għajnuna individwali mogħtija lill-kumpanija:**

2007: 160 974 EUR

2008: 160 974 EUR

2009: 160 974 EUR

2010: 170 000 EUR

2011: 170 000 EUR

2012: 175 000 EUR

2013: 175 000 EUR

**Intensità massima ta' l-għajnuna:**

1. *Investiment fil-farms għall-produzzjoni primarja:*

— sa 50 % ta' l-ispejjeż eliġibbli f'żoni anqas vantaġġati;

— sa 40 % ta' l-ispejjeż eliġibbli f'żoni oħra;

— sa 60 % ta' l-ispejjeż eliġibbli f'żoni anqas vantaġġati u sa 50 % ta' l-ispejjeż eliġibbli f'żoni oħra fejn l-investiment isir minn bdiewa żgħażagħ fi żmien ħames snin mill-istabbilment tagħhom.

L-għan ta' l-għajnuna huwa li jsir investiment għar-restawr tal-karatteristiċi tal-farms, biex jinxtara tagħmir użat għall-produzzjoni agrikola, għall-investiment f'għelejjel permanenti u għat-titjib ta' l-art agrikola u tal-mergħat.

2. *Konservazzjoni tal-pajżaġġi u l-bini tradizzjonali:*

— sa 100 % ta' l-ispejjeż reali għall-investiment f'karatteristiċi mhux produttivi;

— sa 60 % ta' l-ispejjeż reali, jew 75 % f'żoni anqas favoriti fir-rigward ta' l-investiment f'assi produttivi dwar il-farms, sakemm l-investiment ma jsarrafx fi kwalunkwe żieda fil-kapaċità tal-produzzjoni tal-farm;

— għajnuna addizzjonali tista' tingħata sa rata ta' 100 % biex tkopri spejjeż żejda minħabba użu ta' materjali tradizzjonali meħtieġa biex jinżammu l-karatteristiċi patrimonjali tal-bini.

3. *Rilokazzjoni ta' bini agrikolu fl-interess pubbliku:*

— sa 100 % ta' l-ispejjeż reali, fejn ir-rilokazzjoni sempliċiment tikkonsisti fl-iżmuntar, it-tneħħija u l-bini mill-ġdid tal-bini eżistenti;

— meta r-rilokazzjoni twassal għal faċilitajiet aktar moderni li minnhom igawdi l-bidwi, huwa għandu jikkontribwixxi għallinqas 60 %, jew 50 % f'żoni inqas vantaġġati, taż-żieda fil-valur tal-faċilitajiet ikkonċernati wara r-rilokazzjoni. Jekk il-benefiċjarju jkun bidwi żagħżugħ, il-kontribuzzjoni tiegħu għandha tkun għallinqas 55 % jew 45 % rispettivament;

— meta r-rilokazzjoni twassal għal żieda fil-kapaċità produttiva, il-kontribuzzjoni mill-benefiċjarju għandha tkun ta' l-anqas 60 %, jew 50 % f'żoni inqas vantaġġati, ta' l-ispejjeż marbuta ma' din iż-żieda. Jekk il-benefiċjarju jkun bidwi żagħżugħ, il-kontribuzzjoni tiegħu għandha tkun għallinqas 55 % jew 45 % rispettivament.

4. *Għajnuna favur il-ħlasijiet ta' primjums ta' l-assigurazzjoni:*

— l-ammont ta' kofinanzjament muniċipali huwa d-differenza bejn l-ammont ta' kofinanzjament tal-primjums ta' l-assigurazzjoni mill-baġit nazzjonali u sa 50 % ta' l-ispejjeż eliġibbli għall-primjums ta' l-assigurazzjoni biex jiġu assigurati l-għelejjel u frott u biex jiġu assigurati l-bhejjem kontra l-mard.

5. *Għajnuna għat-tqassim mill-ġdid ta' l-art:*

— sa 100 % ta' l-ispejjeż reali.

6. *Għajnuna għat-trawwim tal-produzzjoni ta' prodotti agrikoli ta' kwalità:*

sa 100 % ta' l-ispejjeż reali fil-forma ta' servizzi ssussidjati; dan m'għandux jinvolvi ħlasijiet diretti ta' flus għall-produtturi.

7. *Forniment ta' l-appoġġ tekniku:*

— sa 100 % ta' l-ispejjeż għall-edukazzjoni u taħriġ tal-bdiewa, għas-servizzi ta' konsulenza provduti minn partijiet terzi, għall-organizzazzjoni ta' fora, kompetizzjonijiet, eżibizzjonijiet u fieri, pubblikazzjonijiet u websajts. L-għajnuna għandha tingħata fil-forma ta' servizzi sussidjati u m'għandhiex tinvolvi ħlasijiet diretti ta' flus lill-produtturi.

**Data ta' l-implimentazzjoni:** Lulju 2007 (jew id-data li fiha r-Regoli jidħlu fis-seħħ).

**Tul ta' l-iskema jew għoti ta' l-għajnuna individwali:** Tmiem fil-31 ta' Diċembru 2013.

**L-għan ta' l-għajnuna:** Appoġġ lill-SMEs.

**Referenza għall-Artikoli fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1857/2006 u l-ispejjeż eliġibbli:** Il-Kapitolu II ta' l-abbozz tar-Regoli dwar l-għoti ta' l-għajununa għall-konservazzjoni u l-iżvilupp agrikolu u rurali fil-muniċipalità ta' Žalec għall-perjodu ta' pprogrammar 2007-13 jinkludi miżuri li jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat skond l-Artikoli li ġejjin mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1857/2006 tal-15 ta' Diċembru 2006 dwar l-applikazzjoni ta' l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat għall-għajnuna mill-Istat lil impriżi żgħar u ta' daqs medju attivi fil-produzzjoni ta' prodotti agrikoli u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 70/2001 (ĠU L 358, 16.12.2006, p. 3):

— l-Artikolu 4: Investiment f'azjendi agrikoli,

— l-Artikolu 5: Konservazzjoni tal-pajżaġġi u l-bini tradizzjonali,

— l-Artikolu 6: Rilokazzjoni ta' bini agrikolu fl-interess pubbliku;

— l-Artikolu 12: Għajnuna favur il-ħlasijiet ta' primjums ta' l-assigurazzjoni,

— l-Artikolu 13: Għajnuna għat-tqassim mill-ġdid ta' l-art,

— l-Artikolu 14: Għajnuna għat-trawwim tal-produzzjoni ta' prodotti agrikoli ta' kwalità,

— l-Artikolu 15: Forniment ta' appoġġ tekniku fis-settur agrikolu.

**Is-settur(i) ekonomiku/ċi kkonċernat(i):** L-agrikoltura: biedja u trobbija tal-bhejjem.

— L-għajnuna tingħata għall-investiment fil-biedja u t-trobbija tal-bhejjem, bl-eċċezzjoni tat-tgħammir taż-żwiemel tat-trott (*warm-blooded*), tjur tar-razzett jew fniek. L-għajnuna tingħata għat-tgħammir ta' bhejjem żgħar li jixtarru, f'żoni inqas vantaġġati.

**Isem u indirizz ta' l-awtorità li tagħti l-għajnuna:**

Občina Žalec
Ulica Savinjske čete 5
SLO-3310 Žalec

**Indirizz web:**

http://www.uradni-list.si/1/ulonline.jsp?urlid=200766&dhid=90878

**Tagħrif ieħor:** Il-miżura hija dwar ħlas ta' primjums ta' l-assigurazzjoni biex jiġu assigurati l-għelejjel u l-frott tinkludi l-kundizzjonijiet ħżiena tat-temp li ġejjin li jistgħu jiġu assimilati mad-diżastri naturali: ġlata fir-Rebbiegħa, silġ, sajjetti, nirien ikkawżati mis-sajjetti, maltempati u għargħar.

Ir-Regoli tal-muniċipalità jissodisfaw ir-rekwiżiti tar-Regolament (KE) Nru 1857/2006 fir-rigward tal-miżuri adottati mill-muniċipalitajiet, u d-dispożizzjonijiet ġenerali applikabbli (proċeduri qabel tingħata l-għajnuna, l-akkumulu, it-trasparenza u s-sorveljanza ta' l-għajnuna).

Firma tal-persuna inkarigata

Lojze POSEDEL
*Is-Sindku tal-muniċipalità ta' Žalec*

---

**Numru XA:** XA 189/07

**Stat Membru:** Ir-Repubblika tas-Slovenja

**Reġjun:** Il-muniċipalità ta' Lenart

**Titolu ta' l-iskema ta' l-għajnuna jew l-isem tal-benefiċjarju:** Podpora programa pomoči razvoja podeželja v občini Lenart 2007-2013

**Il-bażi ġuridika:** Pravilnik o dodeljevanju državnih pomoči za programe kmetijstva v občini Lenart (Poglavje II)

**Nefqa annwali ppjanata skond l-iskema jew ammont globali ta' l-għajnuna individwali mogħtija lill-kumpanija:**

2007: 83 500 EUR

2008: 83 600 EUR

2009: 83 700 EUR

2010: 83 800 EUR

2011: 83 900 EUR

2012: 84 000 EUR

2013: 84 100 EUR

**Intensità massima ta' l-għajnuna:**

1. *Investiment fil-farms għall-produzzjoni primarja:*

— sa 50 % ta' l-ispejjeż eliġibbli f'żoni anqas vantaġġati,

— sa 40 % ta' l-ispejjeż eliġibbli għall-investimenti f'żoni oħra.

L-għan ta' l-għajnuna huwa għal investiment biex jiġu restawrati l-karatteristiċi tal-farms, biex jinxtara tagħmir użat fil-produzzjoni agrikola, għall-investiment f'għelejjel permanenti u f'mergħat.

2. *Konservazzjoni tal-bini tradizzjonali:*

— sa 100 % ta' l-ispejjeż għall-investiment fil-konservazzjoni tal-patrimonju mhux produttiv li jinsab fl-azjendi agrikoli,

— sa 75 % ta' l-ispejjeż eliġibbli f'żoni anqas vantaġġati jew żoni skond l-Artikolu 36(a)(i), (ii) u (iii) tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005, definiti tali mill-Istati Membri skond l-Artikoli 50 u 94 ta' dak ir-Regolament, u sa 60 % f'żoni oħra, sakemm l-investiment ma jinkludix xi żieda fil-kapaċità produttiva tal-farm.

3. *Il-ħlas tal-primjums ta' assigurazzjoni:*

— l-ammont ta' appoġġ muniċipali huwa d-differenza bejn l-ammont ta' kofinanzjament tal-primjums ta' l-assigurazzjoni mill-baġit nazzjonali u sa 50 % ta' l-ispejjeż eliġibbli għall-primjums ta' l-assigurazzjoni biex jiġu assigurati l-għelejjel u frott kontra kundizzjonijiet klimatiċi ħżiena u biex jiġu assigurati l-bhejjem kontra r-riskju tal-mewt minħabba mard.

4. *Tqassim mill-ġdid ta' l-artijiet*

— sa 100 % ta' l-ispejjeż eliġibbli imġarrba fi proċeduri legali u amminsitrattivi.

5. *Tħeġġiġ tal-produzzjoni ta' prodotti agrikoli ta' kwalità:*

— sa 100 % ta' l-ispejjeż ta' attivitajiet ta' riċerka dwar is-swieq, il-konċepiment u d-disinn tal-prodotti, inkluża għajnuna mogħtija għat-tħejjija ta' applikazzjonijiet għar-rikonoxximent ta' indikazzjonijiet ġeografiċi, ta' denominazzjonijiet ta' l-oriġini jew ċertifikati ta' karattru speċifiku skond ir-regolamenti Komunitarji rilevanti. L-għajnuna għandha tingħata fil-forma ta' servizzi sussidjati u m'għandhiex tinvolvi ħlasijiet diretti ta' flus lill-produtturi.

6. *Forniment ta' appoġġ tekniku fis-settur agrikolu:*

— sa 100 % ta' l-ispejjeż għall-edukazzjoni u taħriġ tal-bdiewa, għas-servizzi ta' konsulenza u għall-organizzazzjoni ta' fora, kompetizzjonijiet, eżibizzjonijiet u fieri, pubblikazzjonijiet, katalgi u websajts. L-għajnuna għandha tingħata fil-forma ta' servizzi sussidjati u m'għandhiex tinvolvi ħlasijiet diretti ta' flus lill-produtturi.

**Data ta' l-implimentazzjoni:** Lulju 2007 (jew id-data li fiha r-Regoli jidħlu fis-seħħ).

**Tul ta' l-iskema jew għoti ta' l-għajnuna individwali:** Tmiem fil-31 ta' Diċembru 2013.

**L-għan ta' l-għajnuna:** Appoġġ lill-SMEs.

**Referenza għall-Artikoli fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1857/2006 u l-ispejjeż eliġibbli:** Il-Kapitolu II ta' l-abbozz tar-Regoli dwar l-għoti ta' l-għajnuna mill-Istat għall-programmi ta' l-iżvilupp rurali fil-muniċipalità ta' Lenart, li jinkludi miżuri li jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat skond l-Artikoli li ġejjin mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1857/2006 tal-15 ta' Diċembru 2006 dwar l-applikazzjoni ta' l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat għall-għajnuna mill-Istat għal impriżi żgħar u ta' daqs medju attivi fil-produzzjoni ta' prodotti agrikoli u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 70/2001 (ĠU L 358, 16.12.2006, p. 3):

— l-Artikolu 4: Investiment f'azjendi agrikoli;

— l-Artikolu 5: Konservazzjoni tal-pajżaġġi u l-bini tradizzjonali;

— l-Artikolu 12: Għajnuna favur il-ħlasijiet ta' primjums ta' l-assigurazzjoni;

— l-Artikolu 13: Għajnuna għat-tqassim mill-ġdid ta' l-art;

— l-Artikolu 14: Għajnuna għat-trawwim tal-produzzjoni ta' prodotti agrikoli ta' kwalità;

— l-Artikolu 15: Forniment ta' appoġġ tekniku fis-settur agrikolu.

**Is-settur(i) ekonomiku/ċi kkonċernat(i):** L-agrikoltura: biedja u trobbija tal-bhejjem.

**Isem u indirizz ta' l-awtorità li tagħti l-għajnuna:** Občina Lenart, Trg Osvoboditve 7, Lenart

**Indirizz tal-web:**

http://www.izit.si/muv/index.php?action=showIzdaja&year=2007&izdajaID=416

**Tagħrif ieħor:** Il-miżura hija dwar ħlas ta' primjums ta' l-assigurazzjoni biex jiġu assigurati l-għelejjel u l-frott tinkludi l-kundizzjonijiet ħżiena tat-temp li ġejjin li jistgħu jiġu assimilati mad-diżastri naturali: ġlata fir-Rebbiegħa, silġ, sajjetti, nirien ikkawżati mis-sajjetti, maltempati u għargħar.

Ir-Regoli tal-muniċipalità jissodisfaw ir-rekwiżiti tar-Regolament (KE) Nru 1857/2006 fir-rigward tal-miżuri adottati mill-muniċipalitajiet, u d-dispożizzjonijiet ġenerali applikabbli (proċeduri qabel tingħata l-għajnuna, l-akkumulu, it-trasparenza u s-sorveljanza ta' l-għajnuna).

**Reviżjoni minn Franza fil-qadi ta’ l-obbligazzjonijiet tas-servizz pubbliku għas-servizzi bl-ajru bejn Aurillac u Pariġi (Orly)**

(2007/C 289/12)

1. Franza ddeċidiet li tirrevedi, b’seħħ mill-1 ta’ Ġunju 2008, l-obbligazzjonijiet tas-servizz pubbliku fir-rigward tas-servizz bl-ajru bejn l-ajruport ta’ Aurillac u dak ta’ Pariġi (Orly), skond l-Artikolu 4, paragrafu 1 (a) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) nru 2408/92 tat-23 ta’ Lulju 1992, dwar aċċess għat-trasportaturi ta’ l-ajru tal-Komunità għal rotot ta’ l-ajru intra-Komunitarji ([1]). Dawn l-obbligazzjonijiet jibdlu dawk ippubblikati fil-*Gazzetta Uffiċjali ta’ l-Unjoni Ewropea* C 27 tat-3 ta’ Frar 2005.

2. L-obbligazzjonijiet tas-servizz pubbliku huma dawn li ġejjien:

*Frekwenzi minimi*

Għandhom jiġu ggarantiti mill-inqas is-servizzi minimi li ġejjin:

— żewġ titjiriet bit-tluq u lura kuljum mit-Tnejn sal-Ġimgħa, is-sena kollha, minbarra l-festi,

— titjira bit-tluq u lura l-Ħadd għal 50 darba f’sena.

Is-servizzi għandhom ikunu bla waqfien bejn Pariġi (Orly) u Aurillac.

*Tipi ta’ ajruplani użati u tal-kapaċità offruta*

Is-servizzi għandhom joperaw b’turbopropulsjoni jew b’turboġett bi pressjoni b’kapaċità minima ta’ 30 siġġu.

*L-iskedi*

Fil-jiem fejn jinħtieġu żewġ vjaġġi bir-ritorn, l-iskedi tal-ħinijiet għandhom jippermettu lill-passiġġieri li jivvjaġaw fuq xogħol biex jagħmlu vjaġġ bir-ritorn dakinhar stess u għandhom jistennew mill-inqas sebgħa sigħat Aurillac u mill-inqas tmien sigħat Pariġi.

*Politika kummerċjali*

Il-postijiet fuq dawn it-titjiriet għandom jinbigħu permezz ta’ talanqas sistema ta’ riservar kompjuterizzata unika.

*Kontinwità tas-servizz pubbliku*

Ħlief fil-każ ta’ forza maġġuri, l-għadd f’sena ta’ titjiriet kanċellati minħabba raġunijiet li għalihom ikun responsabbli it-trasportatur bl-ajru m’għandux jaqbeż 3 % ta’ l-għadd ta’ titjiriet previst għal dik is-sena.

Is-servizzi ma jistgħux jiġu interrotti mit-trasportatur ta’ l-ajru ħlief bl-għoti ta’ avviż ta’ sitt xhur minn qabel.

It-trasportaturi Komunitarji ta’ l-ajru huma mgħarrfa li l-operat li ma jissodisfax dawn l-obbligazzjonijiet ta’ servizz pubbliku jista’ jagħti lok għal sanzjonijiet amministrattivi u/jew legali.

3. Qiegħed jiġi avżat, li skond l-Artikolu 9 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 95/93 tat-18 ta’ Jannar 1993 dwar ir-regoli komuni għall-allokazzjoni ta’ slotts f’ajruporti tal-Komunità ([2]), l-ajruport ta’ Pariġi (Orly) huma riservati slotts għal titjiriet bejn Pariġi u Aurillac. It-trasportaturi ta’ l-ajru li għandhom interess joperaw din ir-rotta jistgħu jiksbu aktar tagħrif dwar is-slotts mingħand il-koordinatur ta’ l-ajruporti ta’ Pariġi.

---

([1]) ĠU L 240, 24.8.1992, p. 8.

([2]) GU L 14 tat-22.1.1993, paġna 1. Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 793/2004 tal-Parlament Eworpew u tal-Kunsill (ĠU L 138, 30.4.2004, p. 50).

V

*(Avviżi)*

# PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

# KUNSILL

## SEJĦA MIFTUĦA

## Kooperazzjoni Ewropea fil-qasam tar-Riċerka Xjentifika u Teknoloġika (COST)

(2007/C 289/13)

Il-COST tressaq flimkien gruppi ta' riċerka u esperti f'pajjiżi differenti li jaħdmu fuq suġġetti speċifiċi. Hija tiffinanzja n-networking ta' attivitajiet finanzjati f'livell nazzjonali b'appoġġ ta' laqgħat, konferenzi, skambji xjentifiċi fuq terminu qasir u attivitajiet ta' popolarizzazzjoni. Il-COST għalhekk ma tiffinanzjax ir-riċerka fiha nnifisha. Bħalissa huma appoġġati aktar minn 200 netwerk xjentifiku (Azzjonijiet).

Il-COST tappella għal proposti ta' Azzjonijiet li jikkontribwixxu għall-iżvilupp xjentifiku, teknoloġiku, ekonomiku, kulturali jew soċjetali ta' l-Ewropa. Proposti li jkollhom rwol prekursur għal programmi oħrajn Ewropej u/jew inizjati minn riċerkaturi fi stadju bikri huma milqugħa b'mod speċjali.

L-iżvilupp ta' rabtiet aktar sodi fost ir-riċerkaturi Ewropej huwa kruċjali għall-bini ta' l-Ispazju Ewropew tar-Riċerka (SER). Il-COST jistimula netwerks ta' riċerka ġodda, innovattivi, interdixxiplinari u wisgħin fl-Ewropa. L-attivitajiet tal-COST jitwettqu minn gruppi ta' riċerka għat-tisħiħ tas-sisien tal-bini ta' eċċellenza xjentifika fl-Ewropa.

Il-COST hi organizzata f'disa' Setturi (Bijomediċina u Bijoxjenzi Molekulari; Kimika u Xjenzi u Teknoloġiji Molekulari; Xjenza tas-Sistema Terrestri u Ġestjoni Ambjentali; Ikel u Agrikoltura, Foresti, Prodotti u Servizzi tagħhom; Individwi, Soċjetà, Kultura u Saħħa; Teknoloġiji ta' l-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni; Materjali, Fiżika u Nanoxjenzi; Trasport u Żvilupp Urban). Il-kopertura intenzjonata ta' kull Settur hi spjegata f'www.cost.esf.org.

Il-proponenti huma mistiedna jqiegħdu s-suġġett tagħhom f'Settur wieħed. Madankollu, proposti inter-dixxiplinari li ma jaqgħux direttament f'Settur wieħed ukoll huma milqugħa u ser ikunu vvalutati separatament.

Il-proposti għandhom jinkludu riċerkaturi minn mill-anqas ħames pajjiżi tal-COST. Jista' jiġi mistenni appoġġ finanzjarju fil-firxa ta' 100,000 EUR p.a. normalment għal 4 snin.

Il-proposti ser ikunu vvalutati f'żewġ stadji. **Proposti Preliminari** (mhux aktar minn 1 500 kelma/3 paġni), mibgħuta bl-użu tal-mudell online fuq www.cost.esf.org/opencall għandhom jipprovdu deskrizzjoni qasira tal-proposta u l-impatt maħsub tagħha. Il-proposti li ma jikkonformawx mal-kriterji ta' eliġibilità tal-COST (eż. li jitolbu finanzjament għar-riċerka) ser jiġu esklużi. Il-Proposti Eliġibbli ser ikunu vvalutati mill-Kumitati tas-Setturi rilevanti skond il-kriterji ppubblikati f' www.cost.esf.org. Kull waħda mill-Proposti Preliminari kklassifikati minn ta' fuq jiġu mistiedna jippreżentaw Proposta Sħiħa. **Proposti Sħaħ** ser ikunu riveduti bejn il-pari skond il-kriterji ta' valutazzjoni f'www.cost.esf.org/opencall. Id-deċiżjoni normalment ser tittieħed fi żmien sitt xhur mid-data tal-ġbir u l-Azzjonijiet għandhom ikunu mistennija sa fi żmien tliet xhur wara.

Id-data tal-ġbir għall-**Proposti Preliminari** hi t-**28 ta' Marzu 2008**. Madwar 75 Proposta Sħiħa ser ikunu mistieden għall-għażla finali ta' madwar 25 Azzjoni ġdida.

**Proposti Sħaħ** ser ikunu mistiedna sal-20 ta' Mejju 2008 għall-preżentazzjoni sat-8 ta' Awissu 2008, b'deċiżjonijiet mistennija f'Novembru 2008.

Jekk iridu l-proponenti jistgħu jikkuntattjaw il-Koordinatur nazzjonali tal-COST (CNC) tagħhom għal informazzjoni u gwida — ara www.cost.esf.org/cnc.

**Il-proposti għandhom jintbagħtu online lill-website ta' l-Uffiċċju tal-COST.**

Il-COST tirċievi appoġġ finanzjarju għall-attivitajiet tagħha ta' koordinazzjoni mill-Programm Kwadru għar-Riċerka u l-Iżvilupp Teknoloġiku (RŻT) ta' l-UE. L-Uffiċċju tal-COST, immexxi mill-Fondazzjoni Ewropea tax-Xjenza (ESF), li jaġixxi bħala aġent implimentattiv għal COST, jipprovdi s-segretarjat xjentifiku għas-Setturi tal-COST u l-Azzjonijiet tal-COST.

# KUMMISSJONI

## MEDIA 2007

## SEJĦA GĦALL-PROPOSTI — EACEA 27/07

## Appoġġ għad-distribuzzjoni transnazzjonali tal-Films Ewropej — l-Iskema "Awtomatika"

(2007/C 289/14)

1. **Għanijiet u deskrizzjoni**

Din is-sejħa għall-proposti hija bbażata fuq id-deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi programm pluri-annwali wieħed għall-miżuri Komunitarji fil-qasam Awdjoviżiv għall-perijodu bejn l-2007 u l-2013.

2. **Applikanti eliġibbli**

In-notifika preżenti hija indirizzata lil organizzazzjonijiet Ewropej; dawk reġistrati fi u mmexxija minn ċittadini mill-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea u pajjiżi tal-Ftehim Ekonomiku Ewropew li qegħdin jipparteċipaw fil-Programm MEDIA 2007 (l-Iżlanda, il-Liechtenstein, in-Norveġja) u l-Iżvizzera.

Dan l-avviż huwa indirizzat lil kumpaniji Ewropej li jispeċjalizzaw fid-distribuzzjoni internazzjonali ta' films taċ-ċinema Ewropej.

3. **Il-Baġit u t-tul tal-proġett**

L-ammont massimu disponibbli taħt din is-sejħa għall-proposti huwa 13 022 000 EUR, bil-kundizzjoni li l-fondi jkunu disponibbli taħt l-eżerċizzju ta' l-2008.

L-appoġġ finanzjarju mill-Kummissjoni ma jistax jaqbeż is-60 % ta' l-ispejjeż eleġibbli kollha.

It-tul massimu tal-proġetti huwa ta' 16 il xahar.

4. **Skadenza**

L-applikazzjonijiet iridu jintbagħtu lill-Aġenzija Eżekuttiva (EACEA) sa mhux aktar tard mit-**30 ta' April 2008.**

5. **Aktar tagħrif**

It-test komplet tas-Sejħa għall-Proposti, kif ukoll il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jinstabu fuq:

www.ec.europa.eu/media.

L-applikazzjonijiet iridu jirrispettaw il-kundizzjonijiet kollha stipulati f'dan it-test komplet u jridu jiġu sottomessi billi jintużaw il-formoli ta' l-applikazzjoni pprovduti.

# PROĊEDURI GĦALL-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

# KUMMISSJONI

## GĦAJNUNA MILL-ISTAT — ITALJA

**Għajnuna mill-istat C 39/07 (ex N 188/07) — Għajnuna għar-ristrutturar lill-grupp tat-tessuti Legler**

**Stedina għas-sottomissjoni ta' kummenti skond l-Artikolu 88(2) tat-Trattat tal-KE**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2007/C 289/15)

Permezz ta' l-ittra datata l-25 ta' Settembru 2007 riprodotta fil-lingwa awtentika fil-paġni ta' wara ta' dan is-sommarju, il-Kummissjoni nnotifikat lill-Italja bid-deċiżjoni tagħha biex tibda l-proċedura stipulata fl-Artikolu 88(2) tat-Trattat tal-KE li tirrigwarda l-għajnuna hawn fuq imsemmija.

Il-partijiet interessati jistgħu jissottomettu l-kummenti tagħhom fir-rigward tal-miżura ta' l-għajnuna, li dwarha l-Kummissjoni qed tibda l-proċedura, fi żmien xahar mid-data tal-pubblikazzjoni ta' dan is-sommarju u ta' l-ittra segwenti, lil

Il-Kummissjoni Ewropea
Id-Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Reġistru ta' l-Għajnuna mill-Istat
B-1049 Brussels
Nru tal-Faks: (32-2) 296 12 42

Dawn il-kummenti se jiġu kkomunikati lill-Italja. Il-parti interessata li tissottometti l-kummenti tista' titlob bil-miktub biex l-identità tagħha tingħata trattament kunfidenzjali, filwaqt li tagħti r-raġunijiet għat-talba.

TEST TAS-SOMMARJU

### PROĊEDURA

Fil-5 ta' April 2007, l-Italja nnotifikat l-intenzjoni tagħha li tagħti għajnuna għar-ristrutturar lill-grupp Legler. Fl-24 ta' Mejju 2007, il-Kummissjoni talbet informazzjoni ulterjuri, li l-Italja ssottomettiet bil-miktub b'ittra datata s-27 ta' Lulju 2007.

### DESKRIZZJONI

Legler huwa grupp ta' manifattura fis-settur tat-tessuti, magħmula minn diversi entitajiet legali, b'assi f'Ponte San Pietro (Bergamo, il-Lombardija), Macomer, Ottana u Siniscola (Nuoro, f'Sardinja) u sussidjarja tal-produzzjoni stabbilita fil-Marokk. Fl-2004, il-fatturat tal-grupp Legler kien 167 miljun EUR, fl-2005 ta' 124 miljun EUR u fl-2006 ta' 105 miljuni EUR.

Legler jispeċjalizza f'denim ta' l-iprem kwalità (fuq quddiemnett fl-Italja u l-Ġermanja, attur importanti fi Franza u l-Benelux), il-korduroj u l-qoton ċatt (*flat cotton*) (pożizzjoni ta' prestiġju u speċjalizzazzjoni fis-setturi esklużivi tas-swieq Ewropej u ta' l-Amerka ta' Fuq).

Il-grupp, li sab ruħu f'diffikultajiet finanzjarji minħabba l-bidliet fl-ambjent tas-suq, bil-klijenti jfittxu produtturi mil-Lvant Imbiegħed u bit-tneħħija tal-barrieri tad-dwana għat-tessuti fl-2005, fl-2006 rċieva għajnuna ta' salvataġġ li ammontat għal 13-il miljun EUR; din l-għajnuna kienet approvata mill-Kummissjoni.

Fi tmiem il-perjodu ta' l-għajnuna ta' salvataġġ, fil-5 ta' April 2007 l-Italja nnotifikat l-intenzjoni tagħha li tagħti lil Legler SpA għajnuna għar-ristrutturar ta' 40,7 miljun EUR maqsuma fi 13-il miljun EUR garanzija għat-tul, li ngħatat minflok il-garanzija ta' 6 xhur awtorizzata bħala għajnuna ta' salvataġġ, 13,2 miljun EUR bħala għotja diretta u 14,5 miljun EUR bħala trasformazzjoni ta' dejn f'kapital maħruġa mill-SFIRS, il-kumpanija ta' investiment pubbliku tar-Reġjun ta' Sardinja.

EVALWAZZJONI

Il-Kummissjoni jidhrilha li f'dan l-istadju t-tliet miżuri kollha jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat u evalwat il-kumpatibbiltà ta' l-għajnuna fid-dawl tal-Linji Gwida tal-Komunità dwar l-Għajnuna mill-Istat biex jiġu salvati u ristrutturati impriżi f'diffikultà ("Linji Gwida Komunitarji"). Il-Kummissjoni tiddubita jekk il-kundizzjonijiet tal-Linji Gwida tal-Komunità humiex issodisfati.

Il-Kummissjoni tiddubita jekk il-kundizzjoni tar-ritorn għall-vijabbiltà ġietx issodisfata. Mhux ċar x'ser ikunu d-daqs reali tal-kumpanija u l-livell ta' l-assi tagħha wara l-istrutturar, meta jitqies li għadu ma ġiex deċiż jekk il-fabbrika Macomer hix ser tinbiegħ u d-dettalji dwar il-bejgħ tas-sit ta' Ponte San Paolo u dwar il-parteċipazzjoni ta' Legler Maroc għadhom mhux magħrufa. Barra minn hekk, teżisti informazzjoni kontradittorja dwar jekk l-impriża hix ser terġa' tibda tiffunzjona wara l-interruzzjoni fil-produzzjoni.

Barra dan, il-Kummissjoni għandha dubji dwar l-eżistenza ta' miżuri kumpensatorji reali sabiex jiġi limitat it-tfixkil fil-kompetizzjoni maħluq mill-għajnuna. L-għeluq ta' tliet fabbriki u l-konċentrazzjoni tal-produzzjoni fuq is-suq tad-denim jistgħu jitqiesu bħala indispensabbli għar-ritorn għall-vijabbiltà u għalhekk ma jikkostitwixxux miżuri kumpensatorji kbar.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni tiddubita jekk il-kriterju dwar il-limitu ta' għajnuna ġiex issodisfat, minħabba li s-sorsi ta' finanzjament jaqbżu l-ispejjeż ta' l-istrutturar li jlaħħqu 19,5 miljun EUR. Il-Kummissjoni għandha dubji wkoll dwar ir-rwol reali ta' Pilter Ltd, l-azzjonarju maġġuri fil-pjan ta' ristrutturar.

Fejn jirrigwarda l-kriterju tal-kontribuzzjoni proprja, il-limitu ta' 50 % tas-sors ta' finanzjament jista' jintlaħaq jekk il-miżuri fil-pjan ta' ristrutturar jiġi applikat fuq medda qasira ta' żmien. Madankollu, minħabba n-natura ipotetika tal-bejgħ ta' l-assi u l-implimentazzjoni tal-partenarjat, il-Kummissjoni tiddubita f'dan l-istadju jekk dan il-kriterju jistax jiġi ssodisfat.

TEST TA' L-ITTRA

"La Commissione informa l'Italia che, dopo aver esaminato le informazioni fornitele dalle autorità italiane riguardo all'aiuto in oggetto, ha deciso d'iniziare la procedura di cui all'articolo 88, paragrafo 2, del trattato CE.

## 1. **PROCEDIMENTO**

(1) Il 5 aprile 2007 l'Italia ha notificato la propria intenzione di concedere al gruppo Legler un aiuto alla ristrutturazione. Il 24 maggio 2007 la Commissione ha chiesto informazioni supplementari, che l'Italia ha fornito con lettera del 27 luglio 2007.

## 2. **DESCRIZIONE**

### 2.1. **Il beneficiario**

(2) Legler è un gruppo tessile italiano comprendente varie società. Attualmente ha circa 1 200 dipendenti. La gestione del gruppo è esercitata dalla Legler SpA, il cui capitale, sino alla prevista ristrutturazione, era detenuto principalmente dalla Piltar Ltd. Ai fini del presente procedimento, per "Legler" s'intende la Legler SpA, che agisce quale società capogruppo di Legler.

(3) Fino alla ristrutturazione ora in corso e prevista per il futuro, vi erano vari centri di produzione: a Ponte San Pietro (provincia di Bergamo, in Lombardia), con 450 dipendenti, ed a Macomer, Ottana e Siniscola [tutte e tre in provincia di Nuoro ([1]), in Sardegna], rispettivamente con 320, 311 e 119 dipendenti. Dal 1994 la società finanziaria della Regione Sardegna, la SFIRS, detiene il 40 % del capitale del centro di produzione di Legler a Ottana. Inoltre è stata aperta una consociata in Marocco. Il gruppo Legler ha realizzato un fatturato di 167 Mio EUR nel 2004, di 124 Mio EUR nel 2005 e di 105 Mio EUR nel 2006.

(4) L'attività principale di Legler è la fabbricazione di tessuti denim di alta qualità, per la quale ha avuto la posizione di leader in Italia e in Germania e buona posizione in Francia e nel Benelux. Secondo le autorità italiane, il mercato del denim comprende due segmenti: il *prêt-à-porter* per marche ben note (delle quali Legler è fornitrice) ed i prodotti di massa, per i quali la concorrenza è basata soprattutto sul prezzo. Le principali concorrenti di Legler per il denim sono italiane, greche, francesi/tunisine e anche turche e giapponesi. Attualmente, una parte considerevole della produzione in tale settore è stata rilocalizzata in Asia o nel Mediterraneo meridionale.

(5) Legler produce anche prodotti CORD (velluto a coste) e FLAT, con una posizione di nicchia nei segmenti superiori dei mercati europei e nordamericani.

### 2.2. **Le difficoltà finanziarie dell'impresa**

(6) Secondo le autorità italiane, i problemi finanziari di Legler sono cominciati alla fine degli anni novanta, quando il combinarsi di vari elementi ha costretto l'impresa a elaborare un piano di ristrutturazione, per i seguenti motivi principali:

— lo scadere degli incentivi industriali della Regione Sardegna in tale periodo,

— inefficienze correlate all'organizzazione logistica e produttiva, a causa degli elevati costi di trasporto per trasferire i prodotti intermedi dalla Sardegna alla Lombardia,

([1]) Nuoro era ammissibile agli aiuti a finalità regionale per il periodo 2000-2006 in base alla deroga di cui all'articolo 878, paragrafo 3, lettera a). Per il periodo 2007-2013, la carta italiana per gli aiuti a finalità regionale non è ancora stata approvata.

— l'andamento del mercato tessile, con l'accrescersi della concorrenza sul mercato, maggiormente orientato alla produzione, oltre alle nuove prassi dei clienti, che hanno mostrato di preferire i produttori dell'estremo Oriente, il tutto aggravato dalla soppressione, nel 2005, delle barriere doganali per i prodotti tessili,

— difficoltà nell'adeguare i costi alla riduzione dei prezzi di mercato, con conseguente riduzione dei quantitativi dei prodotti di massa,

— difficoltà nell'adeguare i costi del personale, nonostante la forte riduzione dei quantitativi di produzione,

— l'insuccesso nel rilocalizzare la produzione in Polonia e Pakistan.

(7) Dal 2003 al 2005 il gruppo ha quindi attuato un piano di razionalizzazione (chiusura di un centro di produzione in Lombardia con trasferimento della attività in un'altra località lombarda, ammodernamento delle attrezzature industriali). La razionalizzazione ha incluso anche la cessazione di produzioni accessorie, per incentrarsi su tre prodotti: denim, velluto a coste e tessuto tipo flat.

(8) Secondo le informazioni fornite dalle autorità italiane, il piano di razionalizzazione è stato finanziato con capitale proprio e senza sostegno pubblico. Tuttavia, non è chiaro quale sia stato il ruolo della Piltar in questa fase della vita dell'impresa.

(9) Questi provvedimenti, tuttavia, non sono stati sufficienti per porre fine alle difficoltà, come mostra la seguente tabella.

| | Capitale azionario | Risultati netti | Fatturato | Interessi debitori | Attivi finanziari |
|---|---|---|---|---|---|
| 31.12.2004 | 45 345 211 EUR | (9 413 293) EUR | 168 647 967 EUR | 1 836 042 EUR | 43 821 589 EUR |
| 31.12.2005 | 17 224 212 EUR | (28 120 997) EUR | 158 994 182 EUR | 3 291 992 EUR | 28 830 200 EUR |
| 31.12.2006 (dati provvisori) | (7 759 192) EUR | (24 983 406) EUR | 122 826 476 EUR | 3 884 883 EUR | 19 258 802 EUR |

### 2.3. **Il piano di salvataggio e di ristrutturazione**

(10) Nell'intento di salvare e di ristrutturare il gruppo Legler, si è deciso di attuare i provvedimenti indicati qui di seguito.

(11) Tutte le attività svolte in Lombardia saranno trasferite in Sardegna. Scopo di tale riorganizzazione geografica è ridurre i costi dei trasporti e dell'energia, concentrando gli attivi dell'impresa in un'unica regione. La vendita dei terreni e degli immobili potrebbe produrre fondi che serviranno a finanziare il piano di ristrutturazione e ad alleviare l'onere del debito.

(12) Il piano di ristrutturazione prevede che rimarranno operativi soltanto due centri di produzione: saranno dismesse due linee di prodotti, il prodotto CORD e il prodotto FLAT, e le attività saranno incentrate sul prodotto tipico, il denim. Gli investimenti relativi al trasferimento delle attività e all'adeguamento degli impianti per incentrarsi sulla produzione di denim ammonteranno a 22 Mio EUR.

(13) Incentrandosi soltanto sul settore del denim porterebbe alla diminuzione della capacità produttiva dell'impresa, riducendo il personale di almeno 750 unità, con conseguente riorganizzazione e aumento della flessibilità. I costi per la riduzione del personale ammontano a 9,7 Mio EUR, inclusi il trattamento di fine rapporto, i contributi all'INPS per la Cassa integrazione guadagni ordinaria e straordinaria e incentivi alle dimissioni.

(14) Il posizionamento industriale della nuova impresa s'incentrerà sulla nicchia dei prezzi elevati: prodotti in denim di alta qualità, che offrono margini superiori, aumentando la possibilità dell'impresa di recuperare la sua redditività.

(15) Secondo le autorità italiane, l'importo totale dei costi di ristrutturazione nel periodo 2007-2012 ammonta a 86,7 Mio EUR, compresi 22 Mio EUR in investimenti, 9,7 Mio EUR per la riduzione del personale e altri costi relativi alle seguenti voci:

— aggiustamento del capitale netto circolante (8 Mio EUR),

— perdite operative e oneri finanziati (3,7 Mio EUR),

— ricostituzione del capitale azionario (14,5 Mio EUR),

— debiti finanziari ancora da onorare (28,8 Mio EUR).

(16) Tuttavia, le autorità italiane indicano che la fonte di finanziamento fornirà 106,2 Mio EUR.

(17) Sotto il profilo strutturale, si prevede che le quattro società del gruppo si fonderanno in una nuova persona giuridica, denominata la "Nuova Legler", che avrà come principale azionista la SFIRS insieme con un nuovo socio che apporterà capitale proprio dell'ammontare di 15 Mio EUR nel 2008.

### 2.4. **L'aiuto al salvataggio autorizzato dalla Commissione**

(18) Il 25 luglio 2006 la Legler SpA ha chiesto di beneficiare del contributo di un fondo statale speciale per il salvataggio e la ristrutturazione, istituito nel 2005 (il Fondo per il finanziamento degli interventi consentiti dagli Orientamenti UE sugli aiuti di Stato per il salvataggio e la ristrutturazione delle imprese in difficoltà). Le condizioni di tale intervento sono state stabilite il 29 luglio 2005 da un ente statale (il Comitato interministeriale per la programmazione economica, CIPE).

(19) Il 21 settembre 2006 (prima dell'autorizzazione della Commissione), l'Italia ha deciso di concedere una garanzia statale. Grazie a tale garanzia, la Banca Intesa Mediocredito ha concesso il 5 ottobre 2006 un prestito di 13 Mio EUR, al tasso Euribor + 1,2 %. La durata di tale prestito era di sei mesi, con decorrenza dal 5 ottobre 2006.

(20) Il 22 maggio 2007 la Commissione ha approvato la garanzia statale, poiché essa rispondeva a tutte le condizioni stabilite per l'aiuto al salvataggio stabilite negli Orientamenti comunitari sugli aiuti di Stato per il salvataggio e la ristrutturazione di imprese in difficoltà ([2]) (gli "orientamenti").

(21) La Commissione presume che la garanzia sia stata prorogata in seguito alla notifica del piano di ristrutturazione. Nella loro risposta del 27 luglio 2007 le autorità italiane indicano la loro intenzione di prorogare la garanzia. Tuttavia, lo strumento giuridico necessario per estendere la garanzia fino al 31 dicembre 2012 deve ancora essere adottato.

### 2.5. L'aiuto alla ristrutturazione previsto dalle autorità italiane

(22) L'Italia ha notificato il 5 aprile 2007 la sua intenzione di concedere alla Legler SpA un aiuto individuale alla ristrutturazione dell'importo di 39,2 Mio EUR così ripartiti:

— 13 Mio EUR a titolo di garanzia a lungo termine, in sostituzione della garanzia di sei mesi autorizzata come aiuto al salvataggio,

— 13,2 Mio EUR a titolo di sussidio a fondo perduto,

— 13 Mio EUR a titolo di conversione in capitale del debito nei confronti della SFIRS.

(23) Secondo la risposta inviata dalle autorità italiane il 27 luglio 2007, l'importo di quest'ultima misura è stato aumentato, senza che siano state fornite spiegazioni o giustificazioni, a 14,5 Mio EUR. L'importo totale delle misure di aiuto è quindi passato a 40,7 Mio EUR.

(24) Secondo le autorità italiane, queste misure sono giustificate dal persistere di gravi difficoltà e dalla ristrutturazione alla quale l'impresa intende procedere per recuperare la sua redditività.

## 3. VALUTAZIONE

### 3.1. Aiuto di Stato ai sensi dell'articolo 87, paragrafo 1, del trattato CE

(25) L'articolo 87, paragrafo 1, del trattato CE stabilisce che, tranne quanto previsto altrimenti nel trattato, ogni aiuto accordato da uno Stato membro o mediante risorse statali che sia tale da falsare o minacci di falsare la concorrenza favorendo determinate imprese o la produzione di determinate merci è incompatibile con il mercato comune nella misura in cui incide sugli scambi tra Stati membri. Secondo la giurisprudenza costante degli organi giudiziari europei, si ha rispondenza al criterio dell'incidenza sugli scambi se l'impresa beneficiaria svolge un'attività economica che comporta scambi tra Stati membri.

(26) I 13 Mio EUR a titolo di garanzia ed i 13,2 Mio EUR a titolo di sussidio a fondo perduto a favore di Legler saranno erogati dal governo italiano: derivano quindi da risorse statali e sono imputabili allo Stato. Il prestito e la garanzia costituiscono un vantaggio selettivo, poiché daranno a Legler l'accesso a risorse finanziarie che — trovandosi in situazione finanziaria difficile — l'impresa non sarebbe stata in grado di ottenere in altro modo. Inoltre, dato che Legler opera in vari Stati membri dell'UE ed ha concorrenti in altri Stati membri, è probabile che le misure previste falseranno la concorrenza e incideranno sugli scambi tra Stati membri.

(27) Queste due misure si configurano dunque come aiuto di Stato ai sensi dell'articolo 87, paragrafo 1, del trattato CE.

(28) Per quanto riguarda i 14,5 Mio EUR a titolo di conversione del debito in capitale, la SFIRS, che è lo strumento d'investimento della Regione Sardegna, detiene dal 1994 il 40 % del capitale del centro di produzione di Legler a Ottana. Come risultato di tale conversione, la SFIRS sarà proprietaria del 49 % dell'impresa.

(29) L'Italia ha dapprima notificato tale misura come aiuto, ma in seguito ha sostenuto che la misura è consona al mercato e non conferisce all'impresa nessun vantaggio, poiché un investitore privato avrebbe potuto procedere alla medesima operazione per evitare il fallimento e recuperare i suoi crediti in maniera più efficace, convertendoli in capitale e attuando il piano di ristrutturazione.

(30) In questa fase, la Commissione ritiene che tale conversione del debito in capitale costituisca un aiuto di Stato, per i motivi indicati qui di seguito.

(31) Anzitutto, la SFIRS è una pubblica impresa sotto il controllo diretto della Regione Sardegna. La conversione del debito è quindi imputabile alla Regione Sardegna e sarà finanziata mediante risorse della Regione Sardegna, che sono risorse statali.

(32) In secondo luogo, in questa fase la Commissione dubita che un investitore privato avrebbe accettato di scambiare il suo credito con capitale azionario nelle presenti circostanze, specialmente perché risulta che una parte delle attività dell'impresa è sospesa da vari mesi. Inoltre l'Italia non ha presentato alla Commissione uno scenario di fallimento che mostrasse, secondo il punto di vista della SFIRS, che investire nel gruppo Legler e sostenere i costi della ristrutturazione fosse più conveniente sotto il profilo economico rispetto alla liquidazione del gruppo. Di conseguenza, la conversione del debito sembra conferire a Legler un vantaggio selettivo, che il gruppo non sarebbe stato in grado di ottenere in altro modo nelle normali circostanze del mercato.

(33) Per di più, si deve osservare che nessuna informazione è stata fornita sulle condizioni alle quali la SFIRS è divenuta il principale creditore di Legler, né è stato indicato se le transazioni finanziarie tra i due gruppi siano state effettuate alle condizioni di mercato e se siano state chieste garanzie. Per tali motivi, in questa fase la Commissione non può escludere che i debiti di Legler nei confronti della SFIRS costituiscano un aiuto di Stato.

([2]) GU C 244 dell'1.10.2004, pag. 2.

(34) In terzo luogo, come già si è detto, Legler opera in un mercato soggetto a forte concorrenza all'interno dell'Unione europea ed è probabile che la misura in oggetto falsi la concorrenza e incida sugli scambi tra Stati membri.

## 3.2. **Compatibilità**

(35) Poiché in questa fase le misure notificate sembrano configurasi come aiuto di Stato, se ne deve valutare la compatibilità.

(36) L'Italia ha notificato l'aiuto come aiuto alla ristrutturazione. La Commissione lo valuterà quindi sulla scorta degli orientamenti comunitari sugli aiuti per il salvataggio e la ristrutturazione di imprese in difficoltà.

### 3.2.1. *Ammissibilità dell'impresa*

(37) Secondo il capitolo 2.1 degli orientamenti, la Commissione ritiene che un'impresa sia in difficoltà quando essa non è in grado, con le proprie risorse o con le risorse che può ottenere dai proprietari/azionisti o dai creditori, di contenere perdite che, in assenza di un intervento esterno delle pubbliche autorità, la condurrebbero quasi certamente al collasso economico nel breve o nel medio periodo. I sintomi caratteristici di un'impresa in difficoltà sono il livello crescente delle perdite, il calo del fatturato, l'aumento delle giacenze, l'eccesso di capacità, la diminuzione del flusso di cassa, l'accumularsi dei debiti e degli oneri per interessi, la riduzione o l'azzeramento del valore netto delle attività. Nei casi più gravi l'impresa potrebbe già essere insolvente o essere oggetto di procedura concorsuale per insolvenza.

(38) L'impresa, considerata come l'intero gruppo controllato dalla Legler SpA, ha perduto due terzi del capitale sociale tra il 2005 e la prima metà del 2006, quando il gruppo ha chiesto alle autorità italiane un aiuto al salvataggio. Il gruppo Legler non era in grado di provvedere alla propria ristrutturazione da solo o con l'aiuto di banche o investitori privati. Si può dunque concludere che l'impresa risponde al criterio di ammissibilità per essere considerata un'impresa in difficoltà, specialmente a quanto indicato al punto 10, lettera a), degli orientamenti, poiché ha perduto oltre la metà del capitale sociale, di cui un quarto negli ultimi 12 mesi.

(39) Va notato inoltre che la Commissione, con la decisione del 22 maggio 2007 che autorizzava l'aiuto al salvataggio, aveva già considerato Legler un'impresa in difficoltà ai sensi degli orientamenti.

(40) Tuttavia, si deve osservare che le autorità italiane non hanno fornito nessuna informazione riguardante la Piltar Ltd. Secondo il punto 13 degli orientamenti, un'impresa facente parte di un gruppo non può, in linea di massima, beneficiare di aiuti al salvataggio o alla ristrutturazione, salvo quando si possa dimostrare che le difficoltà sono intrinseche all'impresa in questione, non risultano dalla ripartizione arbitraria dei costi all'interno del gruppo e sono troppo gravi per essere risolte dal gruppo stesso. Su questo aspetto, l'Italia non ha fornito elementi sufficienti.

### 3.2.2. *Ripristino della redditività*

(41) La concessione di un aiuto è soggetta alla condizione che venga attuato un piano di ristrutturazione, di durata quanto più breve possibile. Tale piano deve ripristinare la redditività dell'impresa nel lungo periodo entro termini temporali ragionevoli e in base a ipotesi realistiche riguardanti le future condizioni operative. Tra l'altro, il piano di ristrutturazione deve includere un esame del mercato e le misure interne in esso comprese devono avere il ruolo principale nel migliorare la redditività.

(42) Nel caso in oggetto, la Commissione dubita che il piano di ristrutturazione notificato sarà in grado di ripristinare la redditività del beneficiario.

(43) Anzitutto, non sembra che Legler abbia deciso se ristrutturare o vendere il centro di produzione di Macomer.

(44) Inoltre, le informazioni fornite dalle autorità italiane il 27 luglio 2007 hanno fatto sorgere altri dubbi circa la possibilità di vendere altri attivi, per esempio i centri di produzione di Legler Maroc e di Ponte San Pietro. Riguardo a questo secondo centro, consta alla Commissione che Legler stia servendosi di una nuova società per vendere gli attivi di Ponte San Pietro alla sua futura società madre, la SFIRS. Non è chiaro perché la SFIRS, che è la società finanziaria della Regione Sardegna, comprerebbe gli averi di Ponte San Pietro in Lombardia e se li ristrutturerebbe o li venderebbe.

(45) Il che suscita dubbi sulla natura, l'entità effettiva e il numero di attivi dell'impresa a ristrutturazione avvenuta. Inoltre, il finanziamento del piano potrebbe variare sostanzialmente a seconda che tali attivi vengano venduti o no.

(46) Inoltre, con le informazioni inviate il 27 luglio 2007 le autorità italiane hanno indicato alla Commissione le prospettive presenti e future relative alla domanda e all'offerta sul mercato pertinente, presentando per il ritorno dell'impresa alla redditività gli scenari rispettivamente migliore, intermedio e peggiore, basati su un esame del mercato.

(47) La Commissione osserva tuttavia che soltanto nello scenario peggiore si è tenuto conto delle difficoltà a ripristinare le relazioni con la clientela, sebbene le attività siano rimaste sospese per vari mesi e, in base alle informazioni della stampa ([3]), siano riprese in giugno soltanto per poche settimane. Nell'ultima comunicazione, datata 27 luglio 2007, l'Italia non ha informato la Commissione della nuova sospensione delle attività. Di conseguenza, la Commissione dubita che l'impresa possa riprendere le attività in forma sostenibile.

(48) Per di più, la Commissione ha dubbi riguardo al modo in cui verrà attuato il piano. Soltanto informazioni limitate sono state fornite riguardo alla strategia di mercato, dando per scontato che Legler rimarrà un leader del mercato e che il nuovo posizionamento sarà sufficientemente redditizio, senza considerare le quote di mercato perdute nel periodo in cui Legler ha cessato la produzione.

([3]) L'Unione Sarda, 22.7.2007: "Legler, chiusura a Siniscola: crolla anche l'ultima speranza".

(49) Si possono quindi nutrire seri dubbi riguardo alla continuità della produzione e della catena di fornitura da un lato e d'altro lato riguardo alla distribuzione e alle relazioni con la clientela, e più in generale sul realismo di tali prospettive di redditività.

(50) Di conseguenza, in questa fase la Commissione dubita che sia soddisfatta la condizione del ripristino della redditività.

3.2.3. *Necessità di evitare indebite distorsioni della concorrenza; misure compensative*

(51) Per assicurare che gli effetti nefasti sulle condizioni degli scambi siano ridotti al minimo possibile, sono necessarie misure compensative. Come previsto al punto 40 degli orientamenti, le misure devono essere proporzionali all'effetto distorsivo dell'aiuto e, in particolare, alle dimensioni e al peso relativo dell'impresa sui mercati in cui opera.

(52) Più specificamente, nel caso in oggetto si devono adottare misure compensative considerando che il gruppo è una grande impresa secondo le norme relative agli aiuti di Stato, che è stata leader del mercato in Germania e in Italia e aveva una buona posizione in Francia e nel Benelux.

(53) Inoltre, secondo i dati forniti dalle autorità italiane e dal piano di ristrutturazione, il settore del denim registra un eccesso di capacità, una situazione nella quale la concorrenza potrebbe essere danneggiata ancor più da distorsioni derivanti dal sostegno pubblico a una particolare società.

(54) Nella lettera del 27 luglio 2007, le autorità italiane hanno indicato che la riduzione degli attivi e del personale, che daranno origine a un gruppo di minori dimensioni, vanno considerate misure compensative.

(55) Nondimeno, la Commissione dubita che nel piano di ristrutturazione siano effettivamente presenti misure compensative intese a ridurre l'incidenza delle misure in questione sulla concorrenza. Anche se la chiusura di tre centri di produzione su cinque e l'incentrarsi della produzione sul mercato del denim sono misure necessarie per ripristinare la redditività, non le si possono ritenere misure compensative ed è necessario intraprendere altre azioni (vedasi il punto 40 degli orientamenti). La Commissione ha quindi bisogno di maggiori informazioni a tale riguardo.

(56) Quindi la Commissione non è certa che le misure di aiuto in questione non falseranno indebitamente la concorrenza.

3.2.4. *Aiuto limitato al minimo e contributo proprio*

(57) Come è stabilito al punto 43 degli orientamenti, l'importo dell'aiuto deve essere limitato ai costi minimi indispensabili per la ristrutturazione, in funzione delle disponibilità finanziarie dell'impresa e dei suoi azionisti.

(58) Secondo le autorità italiane, il piano di ristrutturazione di Legler è basato su un finanziamento complessivo di 106,2 Mio EUR, di cui 86,7 Mio EUR a copertura dei costi della ristrutturazione.

(59) La Commissione ha dubbi riguardo alla destinazione dei 19,5 Mio EUR in eccesso rispetto ai costi della ristrutturazione. Secondo il piano di ristrutturazione, quest'importo servirà a finanziare l'onere del debito dell'impresa. Tuttavia, non sono stati forniti maggiori particolari. In questa fase, quindi, non è chiaro perché tale importo non sia incluso nei costi per la ristrutturazione dell'impresa.

(60) Per quanto riguarda il contributo proprio, è previsto che i beneficiari apportino per i costi della ristrutturazione un contributo di entità considerevole al di fuori dell'aiuto, attingendolo dalle risorse proprie o da finanziamento esterno alle condizioni di mercato. Nel caso di grande imprese come Legler (con 1 200 dipendenti), la Commissione di norma riterrà adeguato un contributo pari ad almeno il 50 %, come previsto al punto 44 degli orientamenti.

(61) Escludendo le tre misure di aiuto di Stato indicate in precedenza (per il totale di 40,7 Mio EUR), le altre fonti di finanziamento, che apporteranno 65,5 Mio EUR sui 106,2 Mio EUR del finanziamento complessivo, consistono nei seguenti interventi:

— gli attivi dismessi di Ponte San Pietro, Legler Maroc e Macomer (14,7 Mio EUR),

— apporto di nuovo capitale di un nuovo socio (15 Mio EUR),

— redditi di capitale derivanti dalle vendite (10 Mio EUR),

— nuove aperture di crediti e ritempificazione di vecchi debiti (rispettivamente, 10 e 15,8 Mio EUR).

(62) Tuttavia, la Commissione ha dubbi riguardo al prezzo di vendita degli attivi di Ponte San Pietro alla SFIRS, il cui importo è appena superiore all'ammontare dei debiti di Legler nei confronti della medesima SFIRS. In considerazione della natura pubblica della SFIRS e del suo futuro ruolo quale azionista del gruppo Legler, la Commissione non può escludere che tale prezzo possa essere superiore al prezzo di mercato e dubita che tale misura vada considerata un contributo proprio al di fuori dell'aiuto.

(63) Inoltre, in considerazione dei seguenti elementi la Commissione ha dubbi riguardo al sussistere del contributo proprio:

— una delle fonti principali del contributo proprio consiste nel vendere la partecipazione a Legler Maroc, gli attivi di Macomer ed i macchinari dello stabilimento di Ponte San Pietro. Tuttavia, queste operazioni appaiono puramente teoriche, in assenza di un calendario di scadenze e persino della decisione formale di vendere tali attivi,

— la massima fonte di finanziamento del piano di ristrutturazione consiste nell'apporto di capitale nuovo, per l'importo di 15 Mio EUR. Si tratterebbe del contributo derivante da una nuova eventuale partecipazione che s'instaurerebbe nel 2008. Tuttavia, considerata l'attuale situazione dell'impresa, in questa fase la Commissione ha dubbi circa la possibilità di attrarre un nuovo investitore che sia disposto ad apportare una tale somma. Su questo punto l'Italia non ha fornito maggiori informazioni,

— un'altra parte del piano di ristrutturazione sarebbe finanziata mediante finanziamento a medio/lungo termine: 7 Mio EUR saranno ottenuti da un prestito della banca di credito ordinario Intesa Sanpaolo, mentre per gli altri 3 Mio EUR il piano menziona "altre aperture di credito" che sarebbero fornite da altre banche, ancora non identificate,

— le autorità italiane non hanno spiegato quale sarà, nel piano di ristrutturazione, il ruolo della Piltar, la principale azionista dell'impresa.

(64) Si potrebbe raggiungere la soglia del 50 % dell'intero piano di ristrutturazione se l'impresa attuasse con successo entrambe le operazioni di vendita di attivi (11,70 Mio EUR) e l'acquisizione della nuova partecipazione (15 Mio EUR). In tal caso, tenuto conto anche dei redditi di capitale, del nuovo finanziamento e della ritempificazione del debito, il contributo proprio ammonterebbe a 62,5 Mio EUR sul totale di 106,2 Mio EUR (ossia, il 58 %). Tuttavia, considerati gli interrogativi sollevati in precedenza, nonché la possibilità che una parte dell'intervento non si situi al di fuori dell'aiuto e la necessità di attuare tutte le operazioni in questione per raggiungere la soglia del contributo proprio, la Commissione dubita che sia soddisfatto il criterio del contributo proprio.

3.2.5. *Principio dell'aiuto una tantum*

(65) Per quanto riguarda l'applicazione del principio dell'aiuto una tantum previsto al punto 72 degli orientamenti, in questa fase la Commissione non può escludere che le condizioni alle quali la SFIRS è divenuta il maggior creditore di Legler, in un'epoca in cui questo gruppo era già in difficoltà, rispondessero alle effettive condizioni del mercato. Di conseguenza, la Commissione non può escludere che tali operazioni contengano elementi di aiuto di Stato e ha quindi bisogno di maggiori informazioni su questo punto per accertare l'effettivo rispetto del principio dell'aiuto una tantum.

4. **DECISIONE**

(66) In questa fase la Commissione ritiene quindi che la garanzia a lungo termine dell'importo di 13 Mio EUR, il sussidio a fondo perduto dell'importo di 13,2 Mio EUR e la conversione in capitale del debito nei confronti della SFIRS, dell'importo di 14,5 Mio EUR, costituiscano aiuti di Stato e dubita che tali misure di aiuto siano compatibili con il mercato comune.

In base alle considerazioni sin qui esposte, e secondo la procedura stabilita all'articolo 88, paragrafo 2, del trattato CE, la Commissione chiede all'Italia di presentare osservazioni e di fornire tutte le informazioni tali da coadiuvare nella valutazione dell'aiuto in questione, facendo pervenire tali elementi entro un mese dalla data alla quale avrà ricevuto la presente lettera. In particolare, la Commissione chiede alle autorità italiane le seguenti informazioni:

— la descrizione minuziosa delle condizioni alle quali la SFIRS è divenuta il maggior creditore di Legler,

— informazioni minuziose sulla Piltar Ltd e sui motivi per i quali questa non è stata in grado di finanziare da sola i costi della ristrutturazione, come previsto negli orientamenti,

— ogni informazione riguardante le eventuali misure compensative che vadano al di là delle misure necessarie per ripristinare la redditività,

— ogni informazione riguardante la possibilità di Legler di trovare un nuovo azionista,

— la natura delle "altre aperture di credito" per l'importo di 3 Mio EUR.

La Commissione chiede alle autorità italiane d'inviare immediatamente una copia della presente lettera al potenziale beneficiario dell'aiuto.

La Commissione rammenta all'Italia che l'articolo 88, paragrafo 3, del trattato CE ha effetto sospensivo e richiama l'attenzione sull'articolo 14 del regolamento (CE) n. 659/1999 del Consiglio, a norma del quale tutti gli aiuti illegali possono essere recuperati presso il beneficiario.

La Commissione informa l'Italia che renderà edotte tutte le parti interessate pubblicando la presente lettera e una sua sintesi nella *Gazzetta ufficiale dell'Unione europea*. Inoltre, la Commissione informerà le parti interessate negli Stati dell'EFTA firmatari dell'accordo SEE, pubblicando una comunicazione nel supplemento SEE della *Gazzetta ufficiale dell'Unione europea*, e informerà l'autorità di vigilanza EFTA inviandole una copia della presente lettera. Si chiederà a tutte le parti interessate di presentare osservazioni entro un mese dalla data delle suddette pubblicazioni."

# ATTI OĦRAJN

# KUMMISSJONI

**Pubblikazzjoni ta' applikazzjoni skond l-Artikolu 6(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 dwar il-protezzjoni ta' l-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet ta' l-oriġini tal-prodotti agrikoli u ta' l-oġġetti ta' l-ikel**

(2007/C 289/16)

Din il-pubblikazzjoni tikkonferixxi d-dritt għal oġġezzjoni għall-applikazzjoni skond l-Artikolu 7 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 ([1]). Id-dikjarazzjonijiet ta' oġġezzjoni għandhom jaslu l-Kummissjoni fi żmien sitt xhur mid-data ta' din il-pubblikazzjoni.

SINTEŻI

**IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 510/2006**

**"CHOURIÇO AZEDO DE VINHAIS" jew "AZEDO DE VINHAIS" jew "CHOURIÇO DE PÃO DE VINHAIS"**

**Nru tal-KE: PT/PGI/005/0458/20.04.2005**

**DPO ( ) IĠP ( X )**

Din is-sinteżi tagħti l-elementi ewlenin ta' l-ispeċifikazzjoni tal-prodott b'għan informattiv biss.

1. **Dipartiment responsabbli fl-Istat Membru:**

| | |
|---|---|
| Isem: | Gabinete de Planeamento e Políticas |
| Indirizz: | Rua Padre António Vieira, n.º 1-8º<br>P-1099-073 Lisboa |
| Tel.: | (351) 213 819 300 |
| Faks: | (351) 213 876 635 |
| Posta elettronika: | gppaa@gppaa.min-agricultura.pt |

2. **Grupp:**

| | |
|---|---|
| Isem: | ANCSUB — Associação Nacional de Criadores de Suínos de Raça Bísara |
| Indirizz: | Edifício da Casa do Povo — Largo do Toural<br>P-5320-311 Vinhais |
| Tel.: | (351) 273 771 340 |
| Faks: | (351) 273 770 048 |
| Posta elettronika: | ancsub@bisaro.info |
| Kompożizzjoni: | Produtturi/Proċessuri ( X ) Oħrajn ( ) |

3. **Tip ta' prodott:**

Klassi 1.2: Prodotti tal-laħam (misjur, immellaħ, affumikat)

([1]) ĠU L 93, 31.3.2006, p. 12.

4. **Speċifikazzjoni**

(Sinteżi tar-rekwiżiti skond l-Artikolu 4(2) tar-Regolament (KE) Nru 510/2006)

4.1 *Isem:* "Chouriço Azedo de Vinhais" jew "Azedo de Vinhais" jew "Chouriço de Pão de Vinhais"

4.2 *Deskrizzjoni:* Zalzett affumikat magħmul mil-laħam u x-xaħam tal-majjal tar-razza Bísaro jew ta' razez imħallta 50 % tar-razza Bísaro (annimali F1, riżultat ta' taħlit bejn il-ħnieżer tar-razza pura tal-Bísaro rreġistrati fir-reġistru tar-razza flimkien ma' ħnieżer ta' razez oħra), ħobż tal-qamħ tar-reġjun u żejt taż-żebbuġa minn Trás-os-Montes (dawn huma essenzjali biex jagħtu lill-prodott it-togħma u l-kwalità partikolari tiegħu), imdaħħlin ġol-musran il-kbir ta' ħanżir. Naħa waħda tal-musrana tintrabat jew tinħiet u mbagħad tiġi mdawra b'ħajt tal-qoton. Iz-zalzett għandu forma dritta, ċilindrika ta' tul ta' madwar 20 sa 25 ċm, b'djametru ta' madwar 7 sa 10 ċm, u ta' kulur safrani fil-kannella. Il-ġewwieni huwa wkoll ta' kulur safrani fil-kannella u meta jinqata' jidher omoġenju. Il-piż totali huwa ta' madwar 300 g.

4.3 *Żona ġeografika:* Minħabba l-metodu ta' produzzjoni tradizzjonali, it-tip ta' għalf li jintuża, l-għarfien tradizzjonali tal-popolazzjoni lokali fit-trobbija tal-bhejjem, u l-kundizzjonijiet pedoloġiċi meħtieġa għall-iżvilupp tal-bażi alimentari li tintuża biex tinkiseb il-materja prima ta' kwalità unika, iż-żona tat-twelid, trobbija, tismin, qatla u qtugħ tal-ħnieżer tar-razza Bísaro u r-razez imħallta bejniethom użati fil-produzzjoni tax-Chouriço azedo de Vinhais, hija ristretta għall-muniċipalitajiet ta' Alfândega da Fé, Bragança, Carrazeda de Anciães, Freixo de Espada à Cinta, Macedo de Cavaleiros, Miranda do Douro, Mirandela, Mogadouro, Torre de Moncorvo, Vila Flor, Vimioso u Vinhais tad-distrett ta' Bragança u l-muniċipalitajiet ta' Alijó, Boticas, Chaves, Mesão Frio, Mondim de Basto, Montalegre, Murça, Régua, Ribeira de Pena, Sabrosa, Santa Marta de Penaguião, Valpaços, Vila Pouca de Aguiar u Vila Real tad-distrett ta' Vila Real, billi din iż-żona biss għandha l-bażi alimentari u l-ħiliet ta' trobbija meħtieġa. Minħabba l-kundizzjonijiet klimatiċi partikolari meħtieġa biex jinkiseb ix-Chouriço azedo de Vinhais, l-għarfien tal-popolazzjoni u l-metodi lokali, leali għat-tradizzjoni u kostanti, iż-żona ġeografika ta' l-ipproċessar hija ristretta għall-muniċipalitajiet ta' Alfândega da Fé, Bragança, Carrazeda de Anciães, Freixo de Espada à Cinta, Macedo de Cavaleiros, Miranda do Douro, Mirandela, Mogadouro, Torre de Moncorvo, Vila Flor, Vimioso u Vinhais, tad-distrett ta' Bragança.

4.4 *Prova ta' l-oriġini:* Ix-Chouriço azedo de Vinhais jista' jiġi prodott biss f'impjanti ta' l-ipproċessar b'liċenzja xierqa li jinsabu fiż-żona ta' l-ipproċessar imsemmija. Il-proċess ta' produzzjoni kollu huwa suġġett għal sistema ta' kontroll rigoruża li tiggarantixxi t-traċċabilità totali tax-Chouriço azedo de Vinhais. Il-materja prima tiġi mill-ħnieżer tar-razza Bísaro mniżżla fir-Reġistru Żootekniku tar-Razza jew ħnieżer li tnisslu mit-taħlit (F1) bejn il-bhejjem b'wieħed mill-ġenituri tagħhom ikun tar-razza Bísaro, imniżżel fil-Ktieb ta' l-Adulti tar-Reġistru Żootekniku, imrobbija f'azjendi li jrabbu l-bhejjem li jkollhom żona kompatibbli mas-sistemi tal-produzzjoni tradizzjonali u semi-estensivi, fejn hija possibbli l-provvista ta' għalf tradizzjonali. Ta' min jiġi enfasizzat li l-ħnieżer jikkonsmaw kwantitajiet imdaqqsa ta' qastan, li lil-laħam jagħtuh il-karatteristiċi organolettiċi li jintgħarfu perfettament. Il-ħnieżer jinqatlu u jinqatgħu f'impjanti b'liċenzja li fiż-żewġ każijiet jinsabu fiż-żona ġeografika tal-produzzjoni. L-operazzjonijiet ta' l-ipproċessar jistgħu jsiru biss f'impjanti awtorizzati mill-grupp wara li l-organu ta' spezzjoni jkun ta l-approvazzjoni tiegħu. Il-marka taċ-ċertifikazzjoni fuq kull unità hija numerata biex b'hekk tkun possibbli t-traċċabilità totali sa l-azjenda agrikola minn fejn oriġina l-prodott. Il-prova ta' l-oriġini tista' ssir f'kull stadju tal-katina tal-produzzjoni permezz tan-numru tas-serje li għandu jitniżżel fuq il-marka taċ-ċertifikazzjoni.

4.5 *Metodu ta' produzzjoni:* Il-laħam tal-majjal (id-dgħif, il-laħam tar-ras, il-ġenb u ż-żaqq) jinqata' f'biċċiet ta' daqs medju, jiġi mssajjar fil-melħ u l-ilma, u jitqaxxar meta jkun għadu jaħraq. Il-ħobż jinqata' f'biċċiet irqaq u bil-qoxra u mbagħad jirtab fl-istokk tal-laħam. Ma' din it-taħlita jiżdiedu l-ħwawar, l-istrixxi tal-laħam, iż-żejt, il-paprika u t-tewm. Meta tkun imħawra sew, it-taħlita minnufih tiddaħħal ġol-musrana tal-ħanżir u mbagħad tiġi affumikata bil-mod fuq ħatab tal-ballut u/jew tal-qastan, dan skond it-tradizzjoni għal aktar minn erba' ġimgħat. Minħabba l-karatteristiċi tiegħu, ix-Chouriço azedo de Vinhais jitqiegħed fis-suq sħiħ, dejjem ippakkjat minn qabel fil-post ta' l-oriġini. Għall-ippakkjar, jintuża materjal speċjali, li meta jidħol f'kuntatt mal-prodott, ma jagħmillux ħsara u jkun inerti f'atmosfera normali, kontrollata jew fil-vakwu. L-operazzjonijiet ta' l-ippakkjar jistgħu jsiru biss fiż-żona ġeografika ta' l-ipproċessar, bil-għan li jiġu ggarantiti t-traċċabilità u l-kontroll, u li tiġi evitata kull alterazzjoni fil-karatteristiċi tat-togħma tal-prodott.

4.6 *Rabta:* L-eżistenza ta' varji skulturi żoomorfiċi u r-referenzi dwar it-taxxa fuq dawn l-annimali u l-prodotti tagħhom f'varji reġistri muniċipali tar-reġjun jixhdu l-antikwità u l-importanza tat-trobbija tal-ħnieżer f'dan ir-reġjun. Ir-relazzjoni bejn dan il-prodott u ż-żona ġeografika tinbet mir-razza ta' l-annimali (awtoktoni), l-għalf tagħhom bi prodotti lokali, l-għarfien f'dak li huwa l-għażla tal-biċċiet tal-majjal, l-affumikatura b'duħħan ftit intens u gradwali bl-użu ta' injam tar-reġjun u l-proċess ta' preżervazzjoni li jsir f'ambjenti kesħin u nixfin ħafna li hemm fir-reġjun.

4.7 *Organu ta' spezzjoni:*

| | |
|---|---|
| Isem: | Tradição e Qualidade — Associação Interprofissional para Produtos Agro-Alimentares de Trás-os-Montes |
| Indirizz: | Av. 25 de Abril, 273 S/L<br>P-5370-202 Mirandela |
| Tel.: | (351) 278 261 410 |
| Faks: | (351) 278 261 410 |
| Posta elettronika: | tradição-qualidade@clix.pt |

Tradição e Qualidade ġiet rikonoxxuta bħala konformi mar-rekwiżiti ta' l-istandard 45011:2001.

4.8 *Tikkettar:* It-tikkettar għandu jkun fih il-kliem li ġejjin: "Chouriço azedo de Vinhais — Indicação Geográfica Protegida", (Indikazzjoni Ġeografika Protetta), il-logo tal-Komunità korrispondenti u l-logo għall-prodotti ta' Vinhais riprodott hawn taħt. It-tikkettar fih ukoll il-marka taċ-ċertifikazzjoni, li għandha tindika obbligatorjament isem il-prodott u l-indikazzjoni tiegħu, isem l-organu ta' spezzjoni u n-numru tas-serje (kodiċi numeriku jew alfanumeriku li jiggarantixxi t-traċċabilità tal-prodott).

CHOURIÇO AZEDO DE VINHAIS

BÍSARO

INDICAÇÃO GEOGRÁFICA

**Pubblikazzjoni ta' applikazzjoni skond l-Artikolu 6(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 dwar il-protezzjoni ta' l-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet ta' l-oriġini tal-prodotti agrikoli u l-oġġetti ta' l-ikel**

(2007/C 289/17)

Din il-pubblikazzjoni tikkonferixxi d-dritt għal oġġezzjoni għall-applikazzjoni skond l-Artikolu 7 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 ([1]). Id-dikjarazzjonijiet ta' oġġezzjoni għandhom jaslu l-Kummissjoni fi żmien sitt xhur mid-data ta' din il-pubblikazzjoni.

SINTEŻI

**REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) NRU 510/2006**

**"SALAME S.ANGELO"**

**Nru tal-KE: IT/PGI/005/0332/17.12.2003**

**DPO ( ) IĠP ( X )**

Din is-sinteżi taghti l-elementi ewlenin ta' l-ispeċifikazzjoni tal-prodott b'għan informattiv biss.

1. **Dipartiment responsabbli fl-Istat Membru:**

| | |
|---|---|
| Isem: | Ministero delle Politiche agricole alimentari e forestali |
| Indirizz: | Via XX Settembre, 20<br>I-00187 Roma |
| Tel.: | (39) 06 481 99 68 |
| Faks: | (39) 06 42 01 31 26 |
| Posta elettronika: | qpa3@politicheagricole.it |

2. **Grupp:**

| | |
|---|---|
| Isem: | Consorzio tutela salame S. Angelo |
| Indirizz: | via S. Francesco di Paola, 10<br>I-98060 S. Angelo di Brolo (ME) |
| Tel.: | (39) 0941 53 41 94 |
| Faks: | (39) 0941 53 41 94 |
| Posta elettronika: | — |
| Kompożizzjoni: | Produtturi/proċessuri ( X ) oħrajn ( ) |

3. **Tip ta' prodott:**

Klassi 1.2 — Preparazzjoni ta' laħam (u ġewwieni) frisk

4. **Speċifikazzjoni:**

[sinteżi tar-rekwiżiti permezz ta' l-Artikolu 4(2) tar-Regolament (KE) Nru 510/2006]

4.1. *Isem:* "Salame S.Angelo"

4.2. *Deskrizzjoni:* Is-"Salame S.Angelo" huwa zalzett b'taħlita waħda prodott esklussivament mil-laħam tal-ħnieżer u mdaħħal fi msaren naturali tal-ħnieżer. Meta jitqiegħed għall-konsum, is-"Salame S.Angelo" jkollu qisien differenti, iżda f'kull każ ikun ikkaratterizzat minn wiċċ ta' barra, ċilindriku u irregolari, u jkollu l-flora klassika u saff bajdani, tipika taz-zlazet ippreżervati. Il-konsistenza hija ratba u kompatta. Is-*slice* hija kompatta u omoġenja, bil-grass u l-parti tarija marbutin sew. Il-partijiet torja huma lewn id-demm u l-grass abjad. Il-fwieħa hija delikata u karatteristika u t-togħma hija kemm kemm imħawra b'aroma tfuħ. Wara li l-maturazzjoni tintlaħaq, il-valur tal-pH ivarja bejn 5,1 u 6,2 u l-valur AW ivarja bejn 0,81 u 0,96.

([1]) ĠU L 93, 31.3.2006, p. 12.

4.3. *Żona ġeografika:* Iż-żona tal-produzzjoni tas-"Salame S.Angelo" tikkonsisti mit-territorju tal-Komun ta' Sant'Angelo di Brolo.

4.4. *Prova ta' l-oriġini:* Kull fażi tal-proċess tal-produzzjoni tiġi monitorjata billi jiġi ddokumentat l-*input* (il-prodotti li jidħlu) u l-*output* (il-prodotti li joħorġu). B'dan il-mod, u permezz ta' tniżżil f'listi speċifiċi, ġestiti mill-organu ta' spezzjoni, ta' min irabbi l-bhejjem, ta' min jieħu ħsieb it-tbiċċir u l-qtugħ u tal-pakkettaturi, kif ukoll permezz tan-notifika immedjata lill-organu ta' spezzjoni tal-kwantitajiet prodotti, it-traċċabilità tal-prodott tiġi garantita. Għal dan il-għan, fuq it-tikketti għandu jkun hemm, barra minn dak imsemmi fil-punt 4.8, kodiċi numeriku korrispondenti għall-prodott individwali. Il-persuni kollha, fiżiċi jew ġuridiċi, imniżżla fil-listi relatati, huma suġġetti għall-kontroll mill-organu ta' spezzjoni, skond kif previst mill-ispeċifikazzjoni tal-produzzjoni u tal-pjan ta' kontroll relatat.

4.5. *Metodu ta' produzzjoni:* L-ispeċifikazzjoni tipprevedi li l-materja prima użata u awtorizzata għall-produzzjoni tas-"Salame S.Angelo" għandha tkun laħam frisk li ġej mill-ħnieżer tar-razez magħżula, li huma annimali ta' razza pura jew li ġejjin mir-razez ta' bażi Large White, Landrace, Duroc; annimali li ġejjin minn taħlit tar-razez imsemmijin hawn fuq jew taħlit bejn dawn u popolazzjonijiet ta' ħnieżer awtoktoni. Barra minn hekk, il-ħnieżer għandhom ikunu fl-iprem stat ta' nutriment, għandhom jiġu esklussivament minn pajjiżi membri ta' l-UE u għandhom jinqatlu f'piż ta' mhux anqas minn 125 kg. Il-materja prima li għandha tintuża għandha tasal fl-istabbilimenti f'nofs karkassi sħaħ (bir-ras inkluża), u bi projbizzjoni assoluta ta' l-użu ta' laħam imkessaħ u/jew iffriżat; huwa permess it-tkessiħ f'temperatura kontrollata ta' 0 °C + 4 °C għal mhux aktar minn sitt ijiem mid-data tal-qatla inkluża.

Huwa projbit kategorikament l-użu ta' laħam li ġej minn ħanżira ta' l-irdigħ jew mill-faħal, kif ukoll l-użu ta' xaħam ta' taħt il-ġilda (*lard*) fl-ipproċessar tal-laħam.

Il-partijiet li għandhom jintużaw fi kwantitajiet proporzjonali u li ġejjin min-nofs karkassa sħiħa tal-ħanżir huma: il-koxxa, il-ġenbejn, il-*filet*, l-ispalla, ir-raqba, bin-nerrvituri mneħħija kif xieraq u s-sider imnaddaf. It-taħlita tal-laħam u tal-grass li minnha ssir il-pasta taz-zalzett għandha tinqata' bil-"*punta di coltello*" (ponta tas-sikkina). Alternattivament, għal din il-fażi tista' tintuża magna tal-qtugħ apposta b'forma bit-toqob f'sezzjoni kwadrata ta' 12-il millimetru. Fit-taħlita tal-laħam maqtugħ minn qabel, jiżdied biss il-melħ tal-baħar, bżar iswed ta' qisien medji u nitrat tal-potassju. Ir-relazzjoni bejn il-laħam u l-grass preżenti ma għandhiex taqbeż 100/20, jiġifieri mhux aktar minn 20 % grass. Huwa kategorikament projbit l-użu tax-xaħam ta' taħt il-ġilda. L-imsaren, esklussivament tal-ħanżir, jintrabat bi spaga ġewwa l-parti ta' isfel, u wara li jinqaleb ta' taħt fuq, jimtela, jintrabat u jiġi ssiġillat fil-parti ta' fuq. It-tnixxif u l-maturazzjoni tal-prodott għandhom isiru fi stabbilimenti b'arja suffiċjenti u maqtugħin minnhom infushom, permezz ta' l-isfruttament tal-karatteristiċi klimatiċi skond l-orjentament u skond fejn ikunu jinsabu l-istabbilimenti tal-produzzjoni, u fi kmamar xierqa tat-tnixxif u tal-maturazzjoni li bl-isfruttament tal-karatteristiċi klimatiċi naturali, jiggarantixxu, bis-sistemi teknoloġiċi tagħhom, li l-arja esterna tinġibed 'il ġewwa, tiġi rregolata, titbiddel u tinxtered mal-prodott b'mod uniformi.

Meta jintemm il-perjodu tal-maturazzjoni, l-organu ta' spezzjoni għandu jivverifika li l-prodott għandu l-karatteristiċi msemmija fil-punt 4.2, u f'każ li dawn ir-rekwiżiti ta' idoneità jkunu preżenti, titwaħħal it-tikketta msemmija fil-punt 4.8 ta' din l-ispeċifikazzjoni tal-produzzjoni u kif previst mill-pjan tal-kontrolli.

L-operazzjonijiet tal-produzzjoni u tal-maturazzjoni għandhom isiru fiż-żona tal-produzzjoni.

4.6. *Rabta:* L-approvazzjoni ta' l-indikazzjoni ġeografika protetta "Salame S.Angelo" hija ġustifikata mir-reputazzjoni tal-prodott li l-produtturi u s-"Salame S.Angelo" kisbu bis-saħħa tal-karatteristiċi organolettiċi partikolari ta' kultura li għandha l-għeruq tagħha fi mgħoddi mbiegħed, magħmul minn drawwiet qodma.

Il-fama miksuba f'bosta snin turi kemm hu qawwi l-apprezzament ta' dan il-prodott, u kemm għandu għeruq fil-fond il-kunċett li jidentifikah ma' l-indikazzjoni ġeografika protetta "Salame S.Angelo" — sal-punt li saru tentattivi ta' imitazzjoni u użu mhux xieraq ta' din id-denominazzjoni.

Ir-reputazzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni tas-"Salame S.Angelo" jintwerew ukoll mill-fatturi tal-bejgħ tas-"Salame S.Angelo" maħruġa fl-10 ta' Jannar 1982. It-teżi bl-isem "Salame S.Angelo": *Prodotto di Nicchia* turi li fiż-żona ta' produzzjoni indikata fl-ispeċifikazzjoni, ilu bosta snin jeżisti distrett ta' produzzjoni magħruf u msemmi għall-karatteristiċi kwalitattivi u organolettiċi tal-prodott, iżda wkoll għas-sengħa tal-popolazzjoni lokali li għaddiet it-tekniki ta' produzzjoni tas-"Salame S.Angelo" minn ġenerazzjoni għall-oħra bl-akbar bżulija. L-eżistenza stess ta' din it-teżi hija garanzija tar-reputazzjoni tal-prodott billi huwa diffiċli li tiġi proposta teżi dwar prodott ta' l-ikel speċifiku, u lanqas hu probabbli li din tiġi aċċettata jekk ma jintwerewx elementi sodi ta' fama u tradizzjoni tal-prodott fit-territorju.

Il-karatteristiċi kwalitattivi u organolettiċi tal-prodott imsemmija fil-punt 4.2 jiddependu mill-fażi fundamentali tal-maturazzjoni, influwenzata pożittivament mill-mikroklima u mill-morfoloġija partikolari tal-wied ta' Sant'Angelo di Brolo, li hija konsiderevolment differenti mill-widien tal-madwar.

Fil-fatt, il-profil ta' l-għoljiet tar-reġjun jipproteġu l-wied mid-dħul dirett kemm tal-kurrenti mill-baħar kif ukoll mill-kurrenti kisħin li ġejjin mill-muntanji, b'hekk jinħolqu andament ta' kurrenti ta' l-arju, temperaturi u rtuba ideali, li jippermettu li jinħoloq mikroambjent li jagħmel il-wied differenti u jxebbhu ma' kamra kbira ta' maturazzjoni b'kundizzjonijiet li ma jistgħux jiġu riprodotti f'post ieħor.

4.7. *Organu ta' spezzjoni:* L-organu ta' spezzjoni jissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-istandard EN 45011.

| | |
|---|---|
| Isem: | Istituto Calabria Qualità |
| Indirizz: | loc. Felicetti Z.I.<br>I-87050 Figline Vegliaturo (CS) |
| Tel.: | (39) 0984 351 17 |
| Faks: | (39) 0984 48 46 16 |
| Posta elettronika: | icq@istitutocalabriaqualita.it |

4.8. *Tikkettar:* Il-protezzjoni xierqa tad-denominazzjoni titlob li jiġu adottati rekwiżiti ta' identifikazzjoni u li l-prodott jintgħażel faċilment. Il-prodott, wara li jiddaħħal fl-imsaren u dawn jintrabtu, għandu jkollu s-siġill li jiggarantixxi l-prova ta' l-oriġini.

Fuq il-prodott imqiegħed għall-konsum għandha titniżżel id-denominazzjoni "Salame S.Angelo", miktuba f'karattri ċari u li ma jitħassrux, li jispikkaw sew fuq il-kliem kollu li jidher fuq it-tikketta u warajha għandu jkun hemm *Indicazione Geografica Protetta* u/jew it-taqsira IGP. Għall-prodott maħsub għas-swieq barranin, l-indikazzjoni ġeografika protetta tista' tkun indikata fil-verżjoni lingwistika tal-pajjiż li fih il-prodott se jinbiegħ.

Dawn l-indikazzjonijiet ma jistgħu qatt ikunu sseparati mil-logo ta' l-indikazzjoni ġeografika protetta.

Ma tista' tiżdied l-ebda kwalifikazzjoni li ma tkunx espressament prevista.

Fuq it-tikketta għandu jkun hemm, barra mill-kliem imsemmi s'issa u l-logo tad-denominazzjoni, il-kodiċi numeriku ta' identifikazzjoni tal-prodott individwali.

Wara li jitwaħħlu l-marki, is-"Salame S.Angelo" jista' jkun ikkummerċjalizzat: bil-waħdiet jew ippakkjat fil-vakwu jew f'atmosfera modifikata, sħiħ, fi *slices* jew maqtugħ fi *slices*.